# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 881 Ottubru 2006



## "Ħallu t-tfal jiġu għandi"

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
DONATED BY J. Bugeja
DATE 10/07
127039


Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
Meta f'Novembru żżur iċ-Ċimiterji
t'Għawdex, waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
FAMILJA SULTANA
GANNI
1891-1972
ANGELA
1893-1977
DUN SALV
1918-1984
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 104, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 881*
*Ottubru 2006*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Kummentarju (2) • 16
Attwalità • 18
Versi Riflessivi • 19
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
Għawdex 300 sena ilu (147) • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (13) • 24
Xhieda Ewkaristika • 25
Il-Biedja f'Għawdex (48) • 26
Passiġġata Biblika (19) • 28
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:in-Nadur • 30
Xhieda Nisranija: P. Ġużepp Portelli (3) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Sejħa mill-Gwatemala • 34
Għawdxin li għandna niftakru (36) • 35
Lenti fuq il-Ħajja • 38
L-Istorja tal-Mediċina (7) • 40
L-Irħula Għawdxin (7): In-Nadur • 42


**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, Alvin Sciclunа, Max Xuereb, John Cordina, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
*Ritratt tal-Qoxra: Joe Zammit.*




### Pjan Pastorali Djoċesan għas-Sena Pastorali 2006-2007

## "L-Ispirtu s-Santu u l-Missjoni tan-Nisrani"

*Id-Djoċesi ta' Għawdex ħejjiet Pjan Pastorali biex torjenta l-azzjoni pastorali tagħha għas-sena pastorali ġdida li bdejna. Kif jgħid l-istess Pjan Pastorali, matul din is-sena pastorali "Il-Knisja f'Għawdex trid tgħix aktar fil-fond l-identità tagħha bħala komunità li tifforma l-Poplu t'Alla f'din il-gżira: komunità kkonsagrata mill-Ispirtu biex tgħix aktar fil-fond il-ġrajja salvifika ta' Kristu, u biex, permezz ta' l-istess Spirtu, tiskopri s-sejħa għall-qadi fil-Knisja u fis-soċjetà." (n.1)*

*Permezz tal-ħidma pastorali tagħha, il-Knisja f'Għawdex qed issejjaħ lill-insara kollha f'din il-gżira biex jirriflettu dwar il-Persuna u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħhom. Din ir-riflessjoni trid titlaq mill-ġrajja salvifika ta' l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu li ssawwab fuq in-nisrani permezz tas-Sagrament tal-Griżma, u kkonsagra lin-nisrani bħala membru adult fil-Knisja. Konsegwenza ta' din il-konsagrazzjoni mill-Ispirtu, kull nisrani hu "msejjaħ" biex ikun dixxiplu ta' Kristu (dimensjoni vokazzjonali tal-ħajja nisranija u tal-pastorali), u "mibgħut" biex jgħix u jagħti xhieda tar-rabta tiegħu ma' Kristu fis-servizz ta' mħabba li jaqdi fil-Knisja u fis-soċjetà (dimensjoni missjunarja tal-ħajja nisranija u ta' l-azzjoni pastorali). Minn din il-konsagrazzjoni għas-servizz "missjunarju" jitwieldu l-ministeri fil-Knisja.*

*Il-Pjan Pastorali jixtieq li dawk responsabbli mill-ħidma pastorali fil-Knisja jagħtu attenzjoni speċjali lill-pastorali ma' l-adolexxenti, jiġifieri ma' l-istudenti ta' l-iskola sekondarja. Kif jistqarr il-Pjan Pastorali, "il-Knisja f'Għawdex tixtieq tkun 'aħbar tajba' għall-adolexxenti ta' din il-gżira u takkumpanja l-mixja tagħhom fil-fidi, sabiex fihom jissawwar Kristu bis-sbuħija tal-persuna u tal-kelma tiegħu." (n.7) Flimkien mal-pastorali ma' l-adolexxenti, il-Pjan jitlob lill-operaturi pastorali biex iwettqu wkoll ħidma pastorali mal-familji ta' l-adolexxenti.*

*Għal dan il-għan, matul ix-xhur tas-sajf li għadda saret ħidma ta' studju u tħejjija fost l-operaturi pastorali fil-parroċċi u fil-Movimenti Ekkleżjali biex f'kull parroċċa u fil-komunitajiet insara l-oħra jitħejjew programmi li jpoġġu fil-prattika l-għanijiet u l-indikazzjonijiet tal-Pjan Pastorali Djoċesan. Żewġ mumenti importanti fil-fażi ta' preparazzjoni kienu s-seminar tal-Kappillani u s-seminar għall-katekisti.*

*L-azzjoni pastorali ma' l-adolexxenti għandha tiffoka fuq il-formazzjoni nisranija tagħhom, permezz ta' katekeżi, ċelebrazzjonijiet liturġiċi u esperjenzi ta' djakonija. Il-Pjan jindividwa tliet ambjenti fundamentali fejn għandha sseħħ din l-azzjoni pastorali: il-parroċċa, il-familja u l-iskola. Il-Pjan jagħti wkoll indikazzjonijiet pastorali dwar x'għandu jsir biex titwettaq pastorali effikaċi ma' l-adolexxenti.*

*Fil-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti għandhom post speċjali l-katekisti tal-parroċċi u l-Movimenti Ekkleżjali. Dwar dawn ta' l-aħħar il-Pjan Pastorali jgħid: "Id-diversità tal-proposti ta' formazzjoni nisranija li joffru dawn il-Movimenti Ekkleżjali huma għajn ta' rikkezza spiritwali u pedagoġika fil-Knisja. Il-proġetti formattivi proprji għal kull Moviment, meta huma espressjoni tal-komunjoni fil-Knisja, huma proġetti formattivi tal-komunità nisranija kollha, tal-Knisja kollha. Għalhekk hu meħtieġ li l-komunità nisranija kollha tapprezza, tħares u tippromwovi l-kariżmi u l-vokazzjonijiet diversi, u tappoġġja l-proġetti formattivi ta' kull Moviment Ekkleżjali." (n.18)*

*Il-prinċipju teoloġiku li fuqu hu mibni l-orjentament pastorali hu l-ekkleżjoloġija ta' komunjoni. Permezz tal-komunjoni organika, dawk kollha li huma operaturi pastorali, ilkoll skond il-kariżma u r-responsabiltà proprja tagħhom fil-Knisja, qed jaħdmu biex tkompli tinbena s-Saltna ta' Alla u tixxandar l-Aħbar it-Tajba tal-Vanġelu. Din il-komunjoni organika sseħħ mhux biss fir-rispett lejn il-varjetà tal-proposti formattivi imma wkoll fil-kollaborazzjoni bejn id-diversi operaturi pastorali sew fuq livell djoċesan kif ukoll fuq livell parrokkjali. Hu fl-għaqda bħala komunità waħda li jseħħ tassew dak li jixtieq il-Pjan Pastorali Djoċesan.*

*Biex il-ħidma pastorali titwettaq sewwa u tħalli frott jeħtieġ titwettaq fl-ispirtu tal-komunjoni organika, u jiffunzjonaw l-istrutturi tal-pastorali kemm fil-parroċċi kif ukoll fid-djoċesi.*

*Hija xewqa u talba tal-Knisja f'Għawdex li l-Ispirtu s-Santu jqanqal aktar vokazzjonijiet u ministeri fil-komunità nisranija ta' din il-gżira, speċjalment fil-kamp tal-pastorali ma' l-adolexxenti u l-familji.*




## Mid-Djarju Episkopali ta' Żjarat u Attivitajiet ta' Mons. Isqof Mario Grech f'Awissu u Settembru

**4 t'Awissu:** Mons. Isqof Grech kien preżenti għall-*musical* li ttella' miż-żgħażagħ tal-parroċċa tal-Katidral fl-okkażjoni tal-għeluq il-50 sena mid-donazzjoni tal-istatwa mis-soċjetà Leone lill-Knisja Katidrali. Fit-tmiem il-*musical* Mons. Isqof bierek sett ta' qniepen żgħar magħrufa aħjar bħala "Ave Maria Chime" li ser jdoqqu innijiet marjani f'ħinijiet differenti tal-ġurnata.

**5 t'Awissu:** L-Isqof iltaqa' ma' grupp ta' koppji li qegħdin jagħmlu mixja ta' fidi u formazzjoni fi ħdan l-Oratorju Don Bosco.

**8 t'Awissu:** F'quddiesa li mexxa fil-knisja ta' Marsalforn fil-preżenza ta' diversi missjunarji Għawdxin, Mons. Isqof Mario Grech sellem lil dawn il-missjunarji u ħeġġeġ biex iktar lajċi Għawdxin jiskopru din is-sejħa nobbli fil-Knisja. Fit-tmiem tal-quddiesa Mons. Isqof qassam għotjiet ta' flus miġbura mir-Rettur tal-istess knisja għall-missjoni.

**9 t'Awissu:** Id-diriġenti tad-Dar Ġużeppa Debono inawguraw l-attività annwali tagħhom "*Christmas in August*" fit-Tiġrija Palazz Victoria. Mons. Isqof kien mistieden biex ibierek l-oġġetti li kien hemm. Permezz ta' din l-attività jiġu miġbura fondi biex titmexxa din id-dar li tippromovi is-sbuħija tal-ħajja umana.

**10 t'Awissu:** Mons. Isqof ippresieda kunċert tal-banda "Leone" li sar fi pjazza Savina fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija. Iktar tard ħa sehem f'ikla organiżżata mill-Komunità taż-Żebbuġ fl-okkażjoni tal-festa tar-raħal.

**11 t'Awissu:** Mons. Isqof bierek monument li sar b'tifkira ta' Frank Grima, filantropu minn San Lawrenz.

**13 t'Awissu:** Mons. Isqof sellem lil Dun Jimmy Xerri fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'taċ-Ċawla u lil Dun Effie Masini fil-kappella tal-Oratorju, waqt quddies li kienu qed jiċċelebraw fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni tagħhom.

**14 t' Awissu:** L-Isqof Grech kien mistieden ibierek il-Wirja Annwali ta' Santa Marija organizzata mis-soċjetà agrarja fil-ġonna ta' Villa Rundle Victoria.

**19 t'Awissu:** Mons. Isqof bierek impjant ġdid tad-ditta JCR fix-Xewkija, li tipproduċi *bricks* tal-*concrete* għall-industrija tal-bini.

**22 t'Awissu:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni fil-



Bażilika ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni ta' Dun Jimmy Xerri u Dun Effie Masini mill-Victoria.



**24 f'Awissu:** Fil-Katidral t'Għawdex, Mons. Isqof mexxa l-ewwel ordinazzjoni presbiterali tiegħu. L-ewwel saċerdot li ġie ordnat mill-Isqof Grech hu Dun Michael Galea mill-parroċċa tax-Xagħra.

**25 t'Awissu:** Mons. Isqof sellem lis-saċerdot il-ġdid Dun Michael Galea waqt il-quddiesa tal-*Prima Messa* fil-Bażilika tax-Xagħra u wara attenda għar-riċeviment ta' l-istess okkażjoni li sar fil-bitħa tal-iskola tax-Xagħra.

**31 t'Awissu:** Mons. Isqof ġie mistieden iżur lit-tfal li ħadu sehem fis-*summer club* organizzat mill-Oratorju Don Bosco. Din l-attività saret fix-Xlendi.

## AWGURI LIL FR. REUBEN

***Waqt li konna fl-aħħar fażi ta' l-istampar ta' din il-ħarġa, tħabbret il-ħatra ta' Fr. Reuben Micallef bħala Arċipriet ġdid għall-parroċċa taż-Żebbuġ. Għal dawn l-aħħar erba' snin, Fr. Reuben kien l-Editur tar-Rivista tagħna. Minn qalbna nifirħulu u nawgurawlu għal din il-kariga ġdida. Fil-ħarġa li jmiss nagħtu xi tagħrif dwaru, kif ukoll dwar il-Bord Editorjali ġdid għall-"Ħajja f'Għawdex" li ser jitħabbar dalwaqt.***

*Dun Anton Sultana*
*Assist. Editur / Amministratur*



**17-21 Settembru:** Mons. Isqof ħa sehem flimkien ma' iktar minn 130 Isqof ġdid f'kors ta' approfondiment għall-Isqfijiet il-ġodda mill-Kongregazzjoni tal-Isqfijiet f'Ruma. Mument importanti ta' dan l-avveniment kien il-laqgħa personali li Mons. Isqof kellu mal-Papa Benedettu. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti ukoll Mons. Alfred Xuereb membru tal-*Casa Pontificia*.



**22-25 ta' Settembru:** Mons. Isqof għamel żjara qasira fl-Albanija fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni episkopali tal-Isqof il-ġdid, il-Malti Patri Ġorġ Frendo. Waqt iż-żjara tiegħu Mons. Isqof flimkien mal-assistent personali tiegħu Dun Eddie Zammit u Mons. Rużar Borg, kienu joqgħodu fil-parroċċa ta' Dun Manwel Cutajar, saċerdot Għawdxi f'Mamurras fid-djoċesi ta' Tirana-Durres.


**Plasterers, Tile layers, Farmhouses and Membrane**



contact:

Joe Buttigieg
Mobile: 9942 6353


## QOROB NOVEMBRU IX-XAHAR TA' L-ERWIEĦ

***Aħseb biex tagħmel suffraġji lill-għeżież mejtin tiegħek f'Ġimgħa Quddies li ser jiġu ċċelebrati fil-Knisja ta' Savina, Victoria Għawdex, mit-13 sad-19 ta' Novembru fil-5.30 am. Imla' l-formula nkluża bl-intenzjonijiet tiegħek u ibgħathielna malajr fl-invilops ipprovdut, mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru. L-offerta hija libera.***

**Kummentarju (1)**



# Id-Dar tal-Providenza u l-Għawdxin

minn Mons. Lawrenz Gatt

**Dan l-aħħar kont Għawdex u dħalt nixtri f'ħanut, u wieħed li kien qed jixtri bħali dar lejja u qalli: "Jien dejjem nibgħatilkom! Anzi fil-Milied ma nibgħatux kartolini u lil uliedi ngħidilhom biex il-flus li nfaddlu nagħtuhom lid-Dar tal-Providenza...". U bqajna nitkellmu fuq il-familja u l-parroċċa tiegħu, sakemm tal-ħanut qalli: "Kemm qed nieħu gost nismagħkom! Qed tara, Father... Id-Dar tal-Providenza qegħda f'qalb l-Għawdxin ukoll!" Tassew, u kif!**

## *"ID-DAR" u "L-ARKA"*

Qgħadt naħseb daqsxejn waħdi u fhimt kemm tassew id-Dar tagħna hi marbuta ma' Għawdex u l-Għawdxin. Kulħadd jaf li Għawdex tkompla tbierek b'dar oħra f'Għajnsielem: "L-Arka" *Respite Centre*. Mons. Curmi, jew aħjar "Dun Manwel" kif jafu kulħadd, huwa ħaġa waħda magħna. Jiena nqisu bħala benefattur kbir tad-Dar tal-Providenza, għax l-għaxqa tiegħu jara kif jgħinna b'kull mod; aħna naħdmu dejjem id f'id miegħu u mal-opri ta' karità li waqqaf u għadu jmexxi b'żelu kbir. Anke l-emigranti u barranin jaħsbu fina flimkien.

Id-Dar tal-Providenza bdiet qabel, fl-1965, u nista' ngħid li f'Malta u Għawdex m'hawn ħadd li ma jafx biha. Imma la qed nitkellem minn Għawdex, ta' min isemmi ċerti fatturi interessanti marbutin ma' l-istorja tad-Dar. Il-fundatur Dun Mikiel Azzopardi kellu biċċa



minn Għawdex, għax kien jgħid li nannuh, Mikiel Galea, kien Għawdxi li ġie joqgħod Malta fl-aħħar tas-Seklu 19 u kellu ħanut f'nru. 290 Triq San Pawl, il-Belt. It-tieni u t-tielet mara tiegħu (għax kien iżżewweġ tliet darbiet) kienu aħwa u kellhom ħuhom Patri Anton Debono, il-famuż missjunarju għawdxi ġeżwita, pijunier fl-Indja. U t-tifla ta' Mikiel, Amalia, kienet omm Dun Mikiel, u kienet għexet għal żmien twil miegħu fid-Dar tal-Providenza sa ma mietet.

Ma tiskantax, allura, li fost l-ewwel residenti fid-Dar kien hemm min kien minn Għawdex. Illum għandna magħna erba' Għawdxin li ilhom żmien twil jgħixu u jiġu kkurati hawnhekk. Ma jkunx ħsieb għaqli li jintbagħtu lura lejn Għawdex meta draw magħna, avolja issa f'Għawdex hemm dar sabiħa u komda. Fil-fatt, anke fl-"Arka" hemm xi Maltin li joqogħdu hemm, għax id-Dar tal-Providenza hija mimlija u diffiċli biex iżżid aktar residenti ġodda.

Problema oħra tagħna hija li ssib "*carers*" tajbin u mħarrġa biex jieħdu ħsieb residenti ġodda. Għalhekk qed ngħinu ħafna familji billi nżommu lill-għeżież tagħhom għal xi żmien biss. Hemm ukoll ir-"*respite centre*" għall-familja kollha, bħal mhi "L-Arka" f'Għawdex, imma mhux dejjem faċli jsiru trasferimenti bejn iż-żewġ gżejjer.

## *Dar tagħna fix-Xagħra*

Ir-residenti tad-Dar tal-Providenza spiss jiġu Għawdex fid-dar ta' villeġġjatura li għandna fix-Xagħra. Kienu



tawhielna koppja ġeneruża u issa, wara ftit tas-snin sewwa, qed inħossu l-bżonn li nduruha dawra biex nagħmluha iktar abitabbli għar-residenti tagħna li jkunu jixtiequ jgħaddu ftit ġranet f'Għawdex. Personalment, meta niġi Għawdex, inħobb niltaqa' ma' saċerdoti u ħbieb benefatturi tad-Dar tagħna. Niltaqa' ma' ħafna Għawdxin li naf, speċjalment soċi tal-MUSEUM u mmur nirringrazzja lil ħafna benefatturi tad-Dar tagħna mifruxin ma' Għawdex kollu. Kemm-il darba kelli wkoll l-okkażjoni sabiħa nieħu sehem f'xi festi tal-parroċċi għawdxin, u hemm nara l-qalb tajba ta' tant Għawdxin li jaħsbu fid-Dar tal-Providenza.

Ta' min isemmi wkoll kemm drabi ltqajt ma' Għawdxin fost l-emigranti fil-Kanada, fl-Istati Uniti, u fl-Awstralja; ħafna minnhom anke jiktbulna u jibgħatulna offerti ġenerużi bil-posta direttament jew ma' nieshom f'Għawdex.



La qed insemmi l-posta, ngħid ukoll li ma jingħaddux l-Għawdxin li jiktbu lid-Dar tal-Providenza u juru interess fiha. Hemm ukoll oħrajn li kull tant żmien jiġu jżuruna personalment, bħal dak il-grupp ta' żgħażagħ min-Nadur immexxija minn Miriam Portelli u ħuha Dun Karm. Ta' min ifaħħarhom għal din l-inizjattiva u nieħdu gost jekk żgħażagħ oħra jimitawhom meta jiġu jduru dawra Malta. Dan il-grupp ta' żgħażagħ min-Nadur iħobbu jiġu u jitħalltu mar-residenti tagħna, isiru jafuhom mill-qrib u jħobbuhom., u anke jagħmlu xogħol manwali bħal mhu tindif fid-Dar. Nibqa' nafulhom għas-servizz ta' mħabba li joffru!

### *PONT TA' MĦABBA FLOK TAD-DGĦAJJES*

Hemm ħafna aktar x'nista' ngħid dwar x'jorbot id-Dar tal-Providenza ma' Għawdex. Imma din is-sena, sewwa sew fil-5 ta' Awissu, żewġt'iħbieb tad-Dar u xi oħrajn li ssieħbu magħhom, ġiethom l-idea li jagħmlu "pont bid-dgħajjes" bejn Malta u Għawdex b'risq id-Dar tagħna u "L-Arka". Kienet tassew idea oriġinali!

Dakinhar iltqajna lkoll fil-knisja tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imġarr, u kellna magħna wkoll lill-Isqof ġdid ta' Għawdex Mons. Mario Grech li mexxa l-quddiesa li ġiet mxandra anke fuq it-TV. Huwa ħeġġeġ lil kulħadd biex jieħu sehem u jgħin.

Imma r-riħ beda jonfoħ sew u l-"*bridge*" bid-dgħajjes fuq il-baħar kellu jitħassar. Imma l-pont tal-imħabba bejn il-qlub ġenerużi tal-Maltin u l-Għawdxin ma jħassru l-ebda tip ta' maltemp! Il-programm ta' varjetà u ġbir ta' offerti baqa' sejjer fuq it-*television*, u ħafna qlub xorta wrew l-imħabba li għandhom lejn id-Dar tal-Providenza f'Malta u "L-Arka" f'Għawdex.

Is-sena li ġejja, jekk Alla jrid, l-organizzaturi ta' dan il-"pont" għadhom determinati li jerġgħu jippruvaw din l-idea oriġinali. Jalla jirnexxilhom! Imma jiena, u Dun Manwel Curmi miegħi, ninsabu kuntenti li għall-grazzja ta' Alla l-pont veru tal-għaqda tal-qlub bejn il-Maltin u l-Għawdxin, fejn tidħol il-ġenerożità lejn id-Dar tal-Providenza u "L-Arka" huwa pont li ma jsaddad qatt, anzi dejjem aktar jissaħħaħ.

U b'dawn il-ftit versi ridt ngħid grazzi speċjali lill-Għawdxin għal kulma jagħmlu magħna.


BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073



gozo press

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

# X'għadda minn għalina



Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri

## Faċilitajiet Sportivi Ġodda mill-Kunsill Lokali tan-Nadur

Il-*ground* tal-*football* fi Triq l-Imġarr fin-Nadur sar bil-ħaxix artifiċjali u miegħu tlestew ukoll faċilitajiet sportivi oħra fl-istess post. Dan huwa proġett li sar fl-aħħar xhur mill-Kunsill Lokali tan-Nadur bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-*Club* ta' *Nadur Youngsters*. Dawn il-faċilitajiet ġew inawgurati mill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u mbierka mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech waqt ċerimonja li saret nhar is-Sibt 29 ta' Lulju. Ix-xogħol fuq il-*ground* prinċipali sar bil-ħaxix artifiċjali mid-ditta *All Sports International*. Ġiet inawgurata wkoll sistema ġdida ta' dwal fl-istess *ground* kif ukoll faċilitajiet ta' boċċi *pitches*, *dressing room* u *kiosk*. Dan huwa l-ewwel *ground* kbir li sar bil-ħaxix artifiċjali f' Għawdex. Fin-Nadur diġà hemm *pitch* tal-*5-a-side* fil-Museum tas-Subien li sar ukoll mill-Kunsill Lokali ftit aktar minn sena ilu. Il-Prim Ministru fil-messaġġ tiegħu faħħar l-inizjattivi u proġetti li qed iwettaq il-Kunsill Lokali tan-Nadur u esprima sodisfazzjon li dawn huma mmirati sabiex jipprovdu faċilitajiet sportivi u rikreattivi għall-familja kollha.

Is-Sindku tan-Nadur Dr. Chris Said qal li l-iskop tal-Kunsill kien li permezz ta' dawn il-faċilitajiet joffri post ta' livell għoli għat-tfal u ż-żgħażagħ tal-lokal. Huwa rringrazzja lin-*Nadur Youngsters FC* u l-Ministeru għal Għawdex tal-għajnuna li taw biex dan il-proġett seta' jitwettaq. Is-Sindku tan-Nadur elenka wkoll numru ta' proġetti li waslu biex jitlestew fin-Nadur kif ukoll oħrajn li għaddej ix-xogħol fuqhom. Indirizzaw lil dawk preżenti wkoll is-Sur Eucharist Camilleri, President ta' *Nadur Youngsters FC*, u l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono.

Wara ċ-ċeremonja sar *tournament* triangulari bejn *Nadur Youngsters Football Club*, *Qala St. Joseph FC* u *Għajnsielem FC*.







*__Fuq:__ Mument waqt iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Grawnd. Jidhru mix-xellug għal-lemin is-Sinjura Kate Gonzi, L-iSpeaker Anton Tabone, l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, Mons. Salv. Muscat, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, il-President tan-Nadur Youngsters F.C., Eucharist Camilleri, is-Sindku, l-Avukat Chris Said u l-Prim Ministru, Dr Laurence Gonzi. __Fin-nofs:__ Dehra Ġenerali tal-Grawnd tan-Nadur. __Taħt:__ Jingħata bidu għal-logħob. Il-Prim Ministru Dr Laurence Gonzi (xellug) u s-Sindku, Dr Chris Said (lemin)*

## Investigazzjonijiet ġeoloġiċi tat-Tieqa tad-Dwejra

Nhar l-Erbgħa 9 t'Awissu, il-Ministeru għal Għawdex ħabbar illi kien ikkummissjona investigazzjonijiet ġeoloġiċi dwar l-istabbiltà strutturali tat-Tieqa tad-Dwejra. Id-Dwejra hija żona ta' importanza xjentifika u kulturali, sinjura fl-ekoloġija, il-ġeoloġija u s-sbuħija naturali tagħha. Hija żona ffrekwentata ħafna mit-turisti kif ukoll mill-Maltin u l-Għawdxin, filwaqt li hija wkoll attrazzjoni għall-industriji televiżivi u ċinematografiċi. Il-formazzjoni naturali tat-Tieqa tad-Dwejra hija probabbilment l-iktar fattur li jiddistingwi lil din iż-żona, u probabbli wkoll li hu l-iktar xenarju wżat sabiex jirreklama lill-gżira fil-livell internazzjonali. Fis-snin riċenti ġie nnutat illi l-formazzjoni tat-Tieqa qed tiġi mikula iktar ma jgħaddi ż-żmien u l-istess proċess qed jitħaffef fl-aħħar snin. Għalkemm dan il-proċess huwa wieħed naturali u li f'ċirkostanzi normali kien jitħalla jieħu l-kors naturali tiegħu, it-telfa ta' simbolu bħat-Tieqa tad-Dwejra jwassal għal impatt negattiv sostanzjali fuq l-industrija turistika t'Għawdex. Kien għalhekk



li l-Ministeru għal Għawdex fittex pariri esperti dwar jekk hux possibbli li jsir xi forma ta' intervent sabiex il-ħsara li qed issir lit-Tieqa tiġi mrażżna.

*Bureau Veritas Consulting Limited* mir-Renju Unit qed jagħmlu l-investigazzjonijiet meħtieġa. Il-kumpanija għandha esperjenza vasta fuq proġetti simili. Dan l-aħħar, il-konsulenti wettqu analiżi tas-sit tat-Tieqa tad-Dwejra, kemm mill-art kif ukoll mill-baħar. Ġie prodott ukoll *video* tal-formazzjoni tal-blat fl-inħawi tat-Tieqa minn taħt il-baħar. Il-Ministeru għal Għawdex irid juri l-apprezzament tiegħu għall-assistenza ta' *Lone Dolpin Media* mill-Għarb li pprovdew materjal viżiv ta' taħt il-baħar mingħajr ħlas.

Rapport preliminari bir-rakkomandazzjonijiet mistenni jiġi ppreżentat lill-Ministeru għal Għawdex fil-ġimgħat li ġejjin. L-inħawi tad-Dwejra, inkluż it-Tieqa tad-Dwejra, qed jibbenefikaw ukoll minn proġett b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea taħt il-*Life Third Countries scheme*, b'investiment ta' €314,000.

## Investiment ta' madwar 2.5 miljun euro għall-proġetti



Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, u l-koordinatriċi tal-proġetti ta' l-Unjoni Ewropea f'Għawdex, is-Sinjorina Rita Cutajar, nhar is-Sibt 29 ta' Lulju, żar il- proġetti li qed ikunu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, proġetti b'investiment ta' madwar 2.5 miljun euro.

Il-proġetti huma, dak tal-bini mill-ġdid ta' l-Istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala li issa b'investiment ta' 1.5 miljun euro se jiġi żviluppat fi *Training Hotel* għall-istudenti li qed jieħdu korsijiet ma' l-ITS fis-settur turistiku; dak taċ-Ċentru ta' l-Arti u l-Artiġanat f'Għajnsielem, fejn minbarra li ċ-ċentru se jkun estiż, qed jinbena ukoll '*Incubation Centre*' li jgħin lill-individwi jibdew negozju fil-qasam ta' l-artiġanat.



L-istitut għat-taħriġ ta' l-istudenti li qed jieħdu kors ta' l-ITS mistenni jkun lest sa Marzu tas-sena d-dieħla. Dan il-proġett jikkonsisti fil-bini ta' ċentru modern li jkun kapaċi jilqa' għall-ħtiġijiet tas-settur turistiku.

Għaddej ukoll xogħol biex jinbena il-*Crafts Development Centre*. Inxtara apparat ġdid u se jibdew korsijiet ġodda f'diversi snajja bħal fuħħar, tafal, l-iskultura, u ħġieġ. Dawn il-proġetti f'dan iċ-ċentru se jkunu lesti sa tmiem din is-sena.

***Ritratt xellug:*** *Il-Prim Ministru flimkien mal-Ministru għal Għawdex jidhru jitkellmu mal-ħaddiema fuq is-sit tax-xogħol fejn ġej il-bini l-ġdid ta' l-Istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala.* ***Ritratt lemin:*** *Il-Prim Ministru, Dr Laurence Gonzi flimkien mas-Sinjura Gonzi u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono jidhru jitkellmu u jiflu x-xogħol fiċ-Ċentru ta' l-Arti u l-Artiġanat f'Għajnsielem.*

## Wirja 'Once Upon A Time.... In Summer 2006'



*Tanja Van Poucke tippreżenta waħda mill-pitturi tagħha ta' protesta mis-serje "Ħalluhom itiru, ħalluhom ħielsa...." lis-Sur Vincent Grech iċ-Chairman tal-Kumitat Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.*

*Once Upon A Time......... In Summer 2006*, wirja doppja minn Tanja Van Poucke, pittriċi, u Barbara Attard Pettett, ċeramista, ittellgħet fil-Banca Giuratale, it-Tokk, Victoria, mill-4 sal-25 ta' Awissu. Tanja Van Poucke għażlet żewġ suġġetti, "Ħalluhom itiru, Ħalluhom ħielsa" u "Agħtu ċans lin-Natura" li huma protesta personali kontra l-insib u l-kaċċa tal-għasafar kif ukoll kontra l-qerda tan-natura minħabba l-kwantità kbira ta' bini li qed jittella' fuq il-gżira Għawdxija. Elementi naturali bħalma huma rix, ġebel żgħir, xehda tan-naħal selvaġġ..... huma ikkombinati ma' nsiġ ta' pissiperla; rabta max-xbieki tan-nassaba. Tanja Van Poucke ħalliet il-varjetà ta' kuluri li hi soltu tuża fis-suġġett ippreferit tagħha, bil-mara bħala ċentru, biex għaddiet għal gradazzjonijiet differenti ta' abjad, il-kulur tal-paċi; paċi lill-għasafar u paċi lin-natura. Barbara Attard Pettett, barra mill-arti solita tagħha li tikkonsisti fi skutelli u buqari, timxi pass ieħor biex tipproduċi xogħol bi dimensjonali u anke kreazzjonijiet aktar personali b'xogħol dwar l-istorja/leġġenda tal-Ġganta u l-Ġebla l-Wieqfa tal-Qala.



*Barbara Attard Pettett tippreżenta xogħol tagħha fiċ-ċeramika lis-Sur Vincent Grech li kien qed jirrappreżenta lill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Hija tuża taħlita ta' ħġieġ u tafal li jinħalltu ġo xulxin.*

## *Wirja ta' valur storiku*

Bejn is-Sibt 5 u l-Ġimgħa 25 ta' Awissu, il-Kunsill Lokali Qala flimkien mal-'*Comune*' ta' Lanciano, fl-Italja, li bejniethom iż-żewġ lokalitajiet għandhom ftehim ta' ġemellaġġ, kif ukoll bl-għajnuna tal-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, fis-Sentinella, taċ-Ċittadella fir-Rabat Għawdex ittellgħet wirja storika dwar il-Kroċjata tal-Kavallieri ta' Malta. Wirja mill-isbaħ, ta' interess partikulari u ta' valur storiku, li fil-ħolm teħodna fil-passat u tmexxina tul il-kroċjata li għamlu il-Kavallieri ta' Malta, wirja li nġabet apposta minn Lanciano. Preżenti għall-inawgurazzjoni kien hemm ukoll iċ-*Charge d' Affairs* ta' l-Ambaxxata Taljana f'Malta, Domenico Bellato u s-Sindki, dak tal-Qala s-Sur Paul Buttigieg u ta' Lanciano Dr. Filippo Paolini.



*Waqt il-ftuħ tal-Wirja konnessa ma' żmien il-Kavallieri ta' Malta.*

## *Proġetti estensivi ta' bini mill-ġdid ta' toroq f'Għawdex*

L-ewwel saff ta' asfalt fit-triq li tgħaqqad lir-Rabat ma' San Lawrenz li fuqha għaddej xogħol bħalissa ingħata sa l-aħħar ta' Settembru, bil-bqija tax-xogħlijiet meħtieġa fuq l-istess parti tat-triq jitlestew matul ix-xahar ta' wara. Dan qalitu nhar it-Tlieta 22 t'Awissu, filgħodu, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex waqt li żaret ix-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid li għaddejjin bħalissa f'din l-arterja prinċipali t'Għawdex.



Il-Ministru Debono qalet li lejn l-aħħar ta' Settembru se jingħata l-ewwel saff ta' *tarmac* magħruf bħala *base course* minn ħdejn il-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II fin-naħa tar-Rabat sal-*junction* ta' Ta' Pinu, bix-xogħlijiet ta' tlestija jsegwu matul ix-xahar ta' Ottubru. Sadattant bħalissa jinsabu għaddejjin ix-xogħlijiet marbuta mat-trasferiment tas-servizzi għal ġo kanali mibnija apposta taħt il-livell tat-triq u mat-twessiegħ tal-*junction* ta' l-Għasri. Ix-xogħlijiet ta' bini mill-ġdid kienu jinvolvu l-iskavar tat-triq preċedenti, it-twessiegħ tat-triq f'partijiet speċifiċi, il-bini ta' kanali għas-servizzi taħt il-livell tat-triq u l-bini mill-ġdid tat-triq. Il-kanali tas-servizzi nbnew sabiex, sa fejn possibbli, jiġi evitat il-bżonn ta' skavar tat-triq minħabba xogħol regolari ta' manutenzjoni.



Il-Ministru Debono qalet li t-triq li tgħaqqad lir-Rabat ma' San Lawrenz m'hijiex l-unika triq li fiha l-Gvern qed jinvesti b'mod qawwi. Hija rreferiet għas-sejħa għall-offerti li ħareġ il-Gvern iktar kmieni dan ix-xahar biex, permezz ta' fondi tal-Ministeru għal Għawdex tinbena mill-ġdid it-triq tar-Ramla fin-Nadur, bix-xogħlijiet mistennija jibdew wara tmiem l-istaġun sajfi. Il-Ministru Debono qalet li dawn iż-żewġ proġetti f'toroq prinċipali, flimkien ma' proġetti oħra f'toroq oħra arterjali u residenzjali f'Għawdex ser ikomplu jtejbu s-sistema ta' toroq madwar Għawdex, b'impatt dirett mhux biss fuq il-kwalità tal-ħajja f'Għawdex imma wkoll fuq il-prodott turistiku li toffri l-gżira lill-viżitaturi tagħha.



***Fuq:*** *Dehra tax-xogħol li qed isir fi Triq Papa Ġwanni II, fir-Rabat, Għawdex.* ***Fin-nofs:*** *Dehra ta' parti mit-triq li tieħu għal Ta' Pinu.* ***Isfel:*** *Il-Ministru Debono flimkien mad-Direttur EU fil-Ministeru, Rita Cutajar, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Joe Micallef u d-Direttur Proġetti u Żvilupp, Joe Portelli jiflu x-xogħlijiet li għaddejjin, ta' bini ta' kanali, marbuta mat-trasferiment tas-servizzi.*

## *Programm Mużikali f'Għajnsielem*

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Awissu ittella' programm mużikali fil-pjazza tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Dan il-Kunċert Strumentali, wieħed annwali, kien parti mill-attivitajiet tal-festi titulari li kienu qed jiġu ċċelebrati fir-raħal t' Għajnsielem. Waqt il-programm ndaqqu diversi xogħlijiet, fosthom marċijiet tradizzjonali kif ukoll diski klassiċi bħal *'Tom Jones in Concert'*, *'Phantom of the Opera: Medley'* u *'Theme from*



Dehra waqt il-Kunċert annwali tal-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem.

'*James Bond 007*''. Dan il-programm Mużikali kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Sunny Galea A.L.C.M. assistit mill-Assistent Surmast Mro. Frankie Debono. Ippreżenta Lelio Spiteri. Għal din l-attività kien hemm preżenti wkoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, u l-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, Anton Tabone. Wara saret ċerimonja qasira imma sinifikanti, bit-tlugħ ta' bandiera ġdida fuq il-bini tal-Każin tal-Banda San Ġużepp.



Waqt it-tlugħ tal-Bandiera fuq il-Każin tal-Banda San Ġużepp.

## *Inawgurat il-monument ta' Dun Ġużepp Cauchi f'San Lawrenz*



Monument lil Dun Ġużepp Cauchi, fi Triq ta' Bieb il-Għar, San Lawrenz, ġie inawgurat mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono flimkien mas-Sindku Noel Formosa, nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju. Saret serata ħelwa li permezz tagħha bla dubju ta' xejn ħareġ il-għan għaliex twaqqaf dan il-monument, dak li jsellmu lil Dun Ġużepp Cauchi għall-imħabba li kellu għar-raħal. Il-monument sar mill-iskultur malti Joe Scerri.

Fid-diskors tiegħu s-Sindku Noel Formosa fisser l-iskop li għalih il-Kunsill Lokali ddeċieda li jwaqqaf dan il-monument. Diskors ieħor sar minn Patrick Cassar, pro neputi ta' Dun Ġużepp Cauchi dwar il-ħajja tiegħu. Is-serata nkludiet ukoll siltiet mużikali mis-Sopran Ġeorġina Cauchi, waqt li Dun Manwel Cutajar , missjunarju għawdxi fl-Albanija u li bħalissa jinsab għal ftit jiem mal-familjari tiegħu f'San Lawrenz, qara poeżija mill-isbaħ miktuba minnu stess.

## *Kummiedja Griega*

Fiċ-Ċentru ta' l-Università, f'Għawdex, nhar il-Ġimgħa 11 t'Awissu, ittellgħet għall-pubbliku l-kummiedja griega '*The Arbitrants*' ta' Menander, mill-*Associazione Culturale Politecnico Teatro* ta' l-Italja, li kienu għal żjara fil-gżejjer Maltin. Id-dramm kien jitratta n-nuqqas ta' qbil bejn tnejn miżżewġin li ma jkunux jafdaw lil xulxin. L-istorja ntemmet b'rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ naħat li ndunaw li n-nuqqas ta' fiduċja li kellhom wara kollox ma kellha l-ebda bażi. Għal din il-kummiedja li nkitbet madwar 300 sena qabel Kristu, attenda pubbliku numeruż li kellu kliem ta' tifħir għal din il-biċċa xogħol professjonali. Id-dramm, taħt it-treġija ta' Mario Prosperi, ittellgħa fil-bitħa nterna taċ-Ċentru, li skond l-istess direttur Prosperi hu post idejali għal xogħlijiet ta' dan it-tip.



## *Jum l-Emigrant iċċelebrat f'Għajnsielem*



Emigranti għajnselmiżi, fosthom dawk mill-Kontinent Awstraljan, mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u minn pajjiżi Ewropej u li kienu għall-vaganzi mal-familjari tagħhom f'Għawdex, nhar il-Ħadd 20 t'Awissu, filgħodu, attendew bi ħġarhom fil-Knisja Arċipretali tal-Madonna Ta' Loreto, Għajnsielem, fejn ġie ċċelebrat Jum l-Emigranti.



Saret ċelebrazzjoni tal-quddiesa minn Fr Emanuel Magro, b'kelmtejn sbieħ ta' l-okkażjoni. Ħa sehem il-Kor *Lauretana* taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri. Wara saret laqgħa soċjali għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali, fejn l-Arċipriet ta' din il-parroċċa, il-Kanonku Ġużeppi Zerafa, iltaqa' personalment magħhom.

## *L-Isqof Mario Grech ippreżentat b'unur mill-Ordni Militari Sovran ta' Malta*

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Awissu, ġiet iċċelebrata s-sollennità tal-Martirju ta' San Ġwann Battista fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija. Għal dan il-Pontifikal Sollenni li sar fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija, Sede Spiritwali tal-Kavallieri ta' l-Ordni Militari Sovran ta' Malta, attendew numru kbir ta' kavallieri membri ta' din l-Ordni. Iċ-ċerimonja bdiet fis-7.15 p.m. b'korteo miċ-Ċentru Parrokkjali, bis-sehem tal-kavallieri li akkumpanjaw ukoll lill-Eċċ. Tiegħu



Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Wara sar il-Pontifikal Sollenni mmexxi mill-Isqof ta' Għawdex, bis-sehem tal-kor '*Vox Clamantis*' tax-Xewkija u l-orkestra. Il-paniġierku sar minn Mons. Mario Grech. Preżenti wkoll għal dan il-pontifikal, fost in-numru kbir ta' nies li attendew, kien hemm is-Sindku tax-Xewkija, kif ukoll membri oħrajn tal-Kunsill Lokali. Fi tmiem ta' dan il-pontifikal, saret ċerimonja żgħira imma sinifikanti, li fiha, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech ġie ppreżentat b'unur mill-Ordni Militari Sovran ta' Malta. Huwa ġie maħtur Kappillan Onorarju ta' din l-Ordni. Waqt diskorsi li saru ġie mfisser x'inhu l-għan ta' l-Ordni tal-Kavallieri llum, kif ukoll ġie spjegat kif isir il-proċess biex jingħata dan l-unur. Wara sar diskors qasir mill-Isqof, li fih wera l-apprezzament tiegħu għal dan l-unur li kien għadu kif ġie mogħti lilu.



Fi tmiem ta' din iċ-ċerimonja li saret fil-Knisja Rotunda, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech flimkien mal-kavallieri preżenti, l-Arċipriet u l-kleru tal-parroċċa, is-Sindku u l-membri tal-Kunsill Lokali u mistednin distinti oħra attendew għal riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Banda '*Prekursur*' tax-Xewkija, għamlet ukoll marċ ta' l-okkażjoni minn Pjazza San Ġwann Battista sal-każin ta' l-istess Banda.

## *Inawgurazzjoni ta' "5-a-side Jubilee Synthetic Mini-Pitch" fil-Qala*



Nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Settembru, ġie nawgurat *5-a-side Jubilee Synthetic Mini Pitch* li sar mill-Kunsill Lokali Qala bil-kollaborazzjoni diretta tal-UEFA, MFA, il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll il-Kumitat tal-*Qala St. Joseph FC*. Għas-serata mtella' għall-okkażjoni saret proprju fl-imsemmi *pitch* li jinsab fi Ġnien il-Familja fil-*ground* tal-*football* u fost il-mistednin distinti attendew il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u l-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati Anton Tabone, kif ukoll diversi membri ta' kumitati sportivi, soċjali u kulturali għawdxin.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni s-Sindku tal-lokalità tal-Qala, Paul Buttigieg, irringrazzja lill-UEFA kif ukoll lill-MFA ta' l-inizjattiva meħuda li f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha, sponsorjat diversi *Mini Pitches* li ġew u ser jiġu nstallati fid-diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku saħaq dwar l-importanza li uliedna jipprattikaw l-isports li żgur jgħin kemm fiżikament kif ukoll mentalment sabiex jinbnew b'karattru sod. Is-Sindku kompla li 'għalkemm il-flus huma problema għal kulħadd, flus minfuqa fl-isport jew faċilitajiet sportivi jissarrfu f'investiment fit-tfal, studenti u żgħażagħ Qalin'. Fl-aħħarnett hu rringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu sabiex finalment fil-lokalità tal-Qala sar il-*5-a-side Jubilee Synthetic Mini-Pitch*.



F'kelmtejn ta' l-okkażjoni l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, ukoll uriet l-apprezzament tal-ħidma mwettqa minn diversi għaqdiet u kumitati sabiex f'diversi lokalitajiet mifruxin madwar Għawdex issa qed jiġu nstallati *Synthetic Mini Pitches*. Il-Ministru saħqet dwar 'l-importanza li kulħadd mit-tfal sa l-adulti, għandhom jipprattikaw l-isport, fid-dawl li t-tendenza fil-gżejjer maltin u anke minn *survey* li sar fost diversi pajjiżi, jirriżulta li t-tfal tagħna huma aktar ħoxnin minn ta' pajjiżi oħra'. Fl-aħħarnett hi ferħet lill-Kunsill Lokali tal-Qala għal dan il-proġett mwettaq kif ukoll għad-diversi ħidmiet li mplimenta matul is-snin fil-lokalità tal-Qala, proġetti li jolqtu lil kull settur u mifruxin madwar il-lokalità. Lejn tmiem is-serata l-Ministru l-Onor Giovanna Debono fil-preżenza ta' l-*Ispeaker* Anton Tabone u s-Sindku Paul Buttigieg kixfet lapida li tfakkar dan l-avveniment importanti għar-raħal tal-Qala. Kemm il-lapida kif ukoll il-*Mini Pitch* ġew imbierkin minn Dun Charles Buttigieg, viċi-parroku tal-parroċċa tal-Qala.

L-għada s-Sibt 2 ta' Settembru, delegazzjoni mmexxija minn Dr. Joe Mifsud, President ta' MFA li kienet tinkludi lill-Kap Eżekuttiv tal-UEFA Mr Muhammed Ta', lill-Viċi-Presidenti tal-MFA, Carmel Bartolo u Ludovico Micallef A&CE, lill-President tal-GFA Joe Cordina, is-Segretarju tal-GFA Elvin Grech, il-President tal-Gozo Youth FA, Felix Apap, kif ukoll lill-kuntrattur li ħadem fuq l-imsemmi *pitch*, Joe Sammut, żaru l-*Jubilee Mini Pitch* waqt sessjoni ta' *training* tal-*Qala Youth Nursery*. Wara s-Sur Muhammed Ta', Kap Eżekuttiv tal-UEFA u delegat tal-UEFA ġie mogħti tifkira minn wieħed mit-tfal preżenti li tfakkar il-ftuħ uffiċjali tal-*Jubilee 5 a side Mini Pitch* fil-lokalità tal-Qala.



## Ifakkru l-50 Anniversarju taż-żwieġ tagħhom



Paul u Mary Grech iċċelebraw il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Il-koppja żżewġu fil-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Loreto, Għajnsielem, li llum hija magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima, nhar id-29 ta' Ġunju, 1956. Dakinhar iċċelebra l-quddiesa taż-żwieġ tagħhom, Mons. Emanuel Mercieca. Biex ifakkru din l-okkażjoni, nhar il-Ħamis 29 ta' Ġunju, 2006, fl-istess knisja f'Għajnsielem, saret quddiesa ta' l-okkażjoni minn Mons. Isqof Mario Grech, mgħejjun mill-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Joseph Zerafa u li għaliha attendew il-familjari u ħbieb tagħhom, fosthom uliedhom – George, Anthony, Alfred, Rose, Anna, Pauline u Gaetano. Wara saret ikla ta' l-okkażjoni fil-Lukanda Grand, Għajnsielem.



*Xellug: Il-koppja Paul u Mary Grech flimkien ma' uliedhom, dak inhar tal-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom, quddiem il-fontana fi Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem.* ***Lemin:*** *Mons. Isqof Grech jbierek u jitlob fuq il-koppja Paul u Mary Grech, fil-knisja tal-Madonna Ta' Loreto (il-Knisja l-Qadima), f'Għajnsielem*

## Wirja Annwali tal-Ħut fl-Akwarji

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-membri għawdxin tal-Għaqda Maltija tat-Trobbija tal-Ħut, organizzaw il-wirja tal-ħut ta' l-ilma ħelu u dak tropikali, bejn is-Sibt u l-Ħadd 5 u 6 t'Awissu, fis-sala tal-Kumpless Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex. L-Għawdxin u l-barranin li żaru din il-wirja kellhom kliem ta' tifħir għall-organizzaturi. Għall-wirja kien hemm esebiti dsatax-il akwarju b'ħut miġjub minn diversi kontinenti. Il-wirja nfetħet mis-Sindku tal-Lokalità ta' San Lawrenz, Noel Formosa, il-Ġimgħa 4 t'Awissu, filgħaxija. Tbierket mid-direttur spiritwali tal-Għaqda msemmija, Dun Gerald Buhagiar. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Charles Grima, il-Maniġer Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Għaqda '*Maltese Aquarists Society*'. Waqt li kienu qed isiru l-aħħar preparamenti għall-ftuħ ta' din il-wirja saret żjara fil-Kumpless mill-Ministri Louis Galea u Giovanna Debono, fejn tkellmu mal-membri tal-Għaqda. Il-fergħa għawdxija ta' din l-Għaqda għandha mat-tletin membru, li jiltaqgħu fil-Ħdud, darba fix-xahar, fl-uffiċċju tal-Għaqdiet mhux Governattivi, fix-Xewkija. Dawk interessati li jattendu jew li jixtiequ aktar informazzjoni dwar dan id-delizzju, jistgħu jagħmlu kuntatt ma' Joanne jew Peter Mohr, tel: 2156 3608.



*Waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja. Mix-xellug għal-lemin jidhru Adrian Pugliosovich, Noel Formosa, Dun Gerard Buhagiar, u Charles Grima*



*Wieħed mill-akwarji li kienu esebiti għall-Wirja Annwali.*

## Jum il-Vitorja mfakkar f'Victoria









***Mix-xellug għal-lemin:*** *Il-Ministru għal Għawdex tpoġġi l-kuruna quddiem il-Monument ta' Tifkira; L-Avukat Żagħżugħ Dr Kevin Cutajar waqt id-diskors kommemorattiv tiegħu; Il-Banda tal-Pulizija fi Pjazza Indipendenza; u l-Kunċert mtellgħa mis-'Southampton University Sinfonietta Orchestra'.*

Il-Kumitat Organizzattiv Kultura (Ministeru għal Għawdex) organizza l-attività annwali li tfakkar l-assedji ta' l-1565 u l-1943, nhar il-Ħamis 7 ta' Settembru, fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), ir-Rabat, Għawdex, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-serata kommemorattiva, ippreseduta mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, bdiet permezz ta' marċi mill-Banda tal-Pulizija li telqet minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza fejn mbagħad ippreżentat programm sħiħ. Id-diskors kommemorattiv ta' din is-sena sar mill-avukat żagħżugħ Dr. Kevin Cutajar, mix-Xagħra. L-ewwel parti tas-serata ġiet fi tmiemha bit-tqegħid ta' kuruni u bukketti quddiem il-monument li jfakkar tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija fl-istess pjazza.

It-tieni parti tas-serata kienet tikkonsisti f'kunċert ta' siegħa mis-*Southampton University Sinfonietta Orchestra*. Is-sehem ta' din l-orkestra f'Għawdex sar possibbli grazzi għall-kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti ta' l-Arti u l-Kultura.

## *Tifkira ta' l-Assedji ta' Malta fix-Xagħra*



Fir-raħal tax-Xagħra, nhar il-Ħamis 7 ta' Settembru, saret it-tifkira ta' l-Assedji ta' Malta, dik magħrufa aħjar fostna l-Għawdxin bħala l-protezzjoni tal-Bambina fuq il-gżejjer Maltin.



Fid-9.00 ta' filgħodu, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo mexxa konċelebrazzjoni sollenni flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Wara t-tqarbin tkanta sollennament it-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla. Tkanta ukoll l-Innu Malti. Anima l-kant il-kor *Schola Cantorum Jubilate*.



Wara f'Misraħ il-Vitorja, saret ċerimonja kommemorattiva fejn is-Sindku Joseph Spiteri għamel diskors qasir ta' l-okkażjoni. Inqraw diversi poeżiji konnessi ma' l-okkażjoni, fosthom poeżija tal-mejjet Mons. M'Angelo Apap u oħra mill-Kanonku Ġiljan Refalo Rapa.

Id-diskors ta' tifkira dwar il-ġrajja ta' l-Assedji sar minn Dun Ġużepp Cini. Mbagħad tqiegħdu kuruni f'riġlejn il-Monument ta' l-Assedju.F'din iċ-ċerimonja ħadet sehem ukoll il-Banda ta' l-i*Scouts* ta' Ħad-Dingli, Malta.



Inżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-vittmi, u b'kelmtejn oħra tal-okkażjoni mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo.

Joe Louis Sciberras mexxa l-programm taċ-ċerimonja li saret f'Misraħ il-Vitorja.

Kien hemm preżenti wkoll l-iSpeaker tal-Parlament Malti, Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Membru Parlamentari Justyn Caruana, is-Sindku tal-lokalità tax-Xagħra, Joseph u s-Sinjura Spiteri, il-Viċi Sindku Carmelino Refalo, il-kunsilliera Joe Cordina u Anthony Attard, membri ta' Għaqdiet Reliġjużi, Soċjali u Kulturali.

***Xellug, fuq:*** *Mument storiku waqt iċ-ċerimonja ta' tifkira.* ***Lemin, minn fuq għal isfel:*** *Waqt id-daqq tal-'Last Post' mill-iScouts ta' Ħad-Dingli; Waqt il-konċelebrazzjoni ta' l-okkażjoni; Uħud minn dawk preżenti fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina.*
***Taħt, mix-xellug għal-lemin:*** *Mistednin distinti preżenti għaċ-ċerimonja; It-tifkira ta' l-Assedju; Waqt iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-kuruni.*







# *Skola Sekondarja Ġdida b'Investiment ta' Lm3 miljun*



Il-kumpless edukattiv li preżentament huwa okkupat mill-unika skola *junior lyceum* u sekondarja tas-subien f'Għawdex, miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet ta' Għawdex u mis-Sala Ninu Cremona se jiġi żviluppat mill-ġdid permezz ta' proġett infrastrutturali ta' bini ta' faċilitajiet edukattivi moderni. Il-proġett, b'investiment ta' madwar Lm3miljun qed jitwettaq mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) u għandu jkun implimentat fi żmien tlett snin, suġġett għall-approvazzjoni tal-permessi neċessarji mill-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Dan sar magħruf waqt konferenza stampa mill-Ministri Giovanna Debono u Louis Galea, fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, nhar is-Sibt 16 ta' Settembru, filgħodu. Il-Ministri ħabbru l-pjanijiet tal-Gvern għal proġetti kapitali ta' bini u modernizzar ta' l-iskejjel tal-Gvern f'Għawdex.



Il-Ministru Debono qalet li waqt diskussjonijiet regolari mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, ittieħdet id-deċiżjoni li jsir proġett kapitali kbir fil-kumpless tal-liċeo Ninu Cremona minħabba n-natura estensiva ta' xogħlijiet ta' tisbiħ u modernizzar li kienu meħtieġa f'din l-iskola biex tipprovdi ambjent modern li jistimola t-tagħlim. Kien għalhekk li ġie deċiż li tinbena skola ġdida minflok tiġi modernizzata l-iskola eżistenti. Dan se jkun l-ewwel proġett li se jitwettaq fil-*campus* eżistenti ta' l-iskejjel sekondarji u post-sekondarji t'Għawdex. Iktar proġetti għall-immodernizzar ta' l-iskola sekondarja tal-bniet u tas-*Sixth Form* t'Għawdex jingħataw bidu hekk kif jasal fi tmiemu l-proġett tal-bini ta' l-iskola tas-subien. FTS se tidħol għal iktar proġetti ta' modernizzar ta' skejjel oħra primarji f'Għawdex fuq firxa ta' snin.

Il-kobor ta' dan il-proġett huwa l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu għall-edukazzjoni f'Għawdex. L-iskola l-ġdida se tkun mibnija fuq erba' sulari 'l fuq mil-livell tat-triq u tinkorpora fiha 45 klassi, 9 laboratorji tax-Xjenzi, 6 *workshops* tat-Teknoloġija, 4 laboratorji tal-*computers*, *art rooms*, klassijiet għall-*Home Economics*, klassi għan-*Needlework*, klassijiet għall-*Graphical Communications*, *Resource rooms* u faċilitajiet edukattivi moderni fosthom kmamar għall-*guidance*, librerija u spazji miftuħa li jistgħu jiġu wtilizzati għall-ħtiġijiet ta' l-iskola u tal-komunità.

L-iskola ser tkun tista' takkomoda sa massimu ta' 1,000 student u se tinkludi inizjattivi li jutilizzaw sorsi ta' enerġija naturali fosthom permezz ta' *sun pipes* biex jiddawlu l-kuriduri, kif ukoll sistema ta' enerġija solari li tiġi installata fuq il-bejt ta' l-iskola. L-iskola ser ikollha *footprint* ta' madwar 3,300m$^2$ b'total ta' spazju ta' madwar 13,000m$^2$. L-iskola l-ġdida ser ikollha wkoll parkeġġ ta' żewġ sulari mibnija taħt l-art li jakkomoda madwar 700 karozza. Dan il-parkeġġ se jilqa' għad-domanda ta' spazju tat-tlett skejjel fil-viċin kif ukoll għad-domanda mill-pubbliku. Il-proġett se jinkludi wkoll grawnd tal-futbol *7-a-side* kif ukoll *athletics' track* ta' 200m li se tintuża mill-iskola waqt il-ħinijiet ta' l-iskola imma wkoll mill-komunità waqt ħinijiet oħra. B'hekk din il-faċilità tkun qed tikkumplimenta l-faċilitajiet sportivi l-oħra li joffri l-Kumpless Sportiv t'Għawdex.



*Fuq: Waqt il-konferenza stampa fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex. Jidhru fost l-oħrajn il-Ministri Giovanna Debono u ħdejha Louis Galea.*
***Taħt:** Il-Ministru Giovanna Debono tispjega dettalji mill-Proġett Edukattiv.*



Id-daħla ta' l-iskola l-ġdida ser tkun mit-triq li bħalissa sservi bħala triq sekondarja għall-iskola. B'hekk l-iskola l-ġdida tkun eqreb lejn il-Kumpless Sportiv t'Għawdex. Ser tinħoloq triq ġdida li tgħaqqad lil Triq Fortunato Mizzi ma' Triq l-Ewropa sabiex isservi bħala post fejn fih jidħlu l-*coaches* li jipprovdu trasport lit-tliet skejjel, biex hekk ikunu jistgħu jtellgħu u jniżżlu l-istudenti 'l ġewwa mill-bibien ta' l-iskola. B'hekk jiżdiedu l-miżuri ta' sigurtà lill-istudenti u tiġi eliminata darba għal dejjem l-inkonvenjenza li tinħoloq ta' kuljum fit-toroq residenzjali tal-madwar minħabba n-numru ta' *coaches* li jkunu qed jipprovdu t-trasport lill-istudenti.

It-tqassim ta' l-implimentazzjoni tal-proġett se jkun maqsum fi tlett faċilitajiet biex jimminimizza kemm jista' jkun l-inkonvenjent għall-istudenti u l-għalliema. L-impatt fuq l-iskola fil-fatt ser ikun ftit li xejn għaliex l-ewwel fażi ser tkun tikkonsisti fil-bini ta' parti mill-iskola fi spazju li llum mhux qed jintuża għall-iskola sekondarja. Dan ifisser li s-sena akkademika timxi kif ippjanata mingħajr ma l-iskola jkollha l-ħtieġa li ssib post alternattiv. Hekk kif jintemm ix-xogħol fuq l-ewwel blokk, il-klassijiet ikunu jistgħu jidħlu fil-parti l-ġdida filwaqt li jibda x-xogħol fuq it-twaqqiegħ ta' l-iskola eżistenti u l-bini tat-tieni u t-tielet fażijiet.

Kummentarju (2)

# X'qed nagħtu lil uliedna? Mħabba jew fsied?



minn HORACE MERCIECA

**Illum, għall-grazzja t'Alla, il-maġġoranza tat-tfal tagħna għandhom ferm aktar ġid minn meta konna nitrabbew aħna. Il-ġenituri jixtrulhom l-akbar karozza u l-isbaħ pupa li hemm fis-suq, u kieku jistgħu, jagħmlulhom l-ilma jiżfen. U meta jibdew jitfarfru, anke *mobile phone* jixtrulhom. Id-dar, minn barra t-televiżjoni, għandhom ukoll il-kompjuter, *video games* u anke xi *playstation*. Il-ġenituri jagħmlu minn kollox biex jixtrulhom dak kollu li tixtieq qalbhom, biex, minn għalihom, juruhom kemm iħobbuhom.**

U kif qegħdin ipattulhom lill-ġenituri tagħhom, dawn it-tfal? Ħoll xagħrek u ġib iż-żejt jekk ma jikkuntentawhomx f'kollox, għax jibdew jgħajtu u jkissru. Ħlief drittijiet tagħhom ma jsemmux. Dejjem iridu u m'huma kuntenti qatt. Id-dar qishom tigri u l-iskola qishom ħrief lesti għall-qatla. Dawn huma s-sintomi ta' tfal mħajma, ta' tfal bla rispett, ta' tfal bla valuri, ta' tfal li ma jafux x'iridu, ta' tfal bla karattru għax ma jafux x'inhi dixxiplina, ta' tfal li ma jafux japprezzaw għax kollox jippretendu bi dritt, ta' tfal li m'għandhom l-ebda sens ta' sagrifiċċju għax, bħalma jgħidu l-Ingliżi, isibu kollox fuq platt quddiemhom. Tfal bħal dawn jiddominaw lill-ġenituri tagħhom u jbikkuhom f'darhom u anke quddiem in-nies. Ma jistgħu jmorru mkien bihom għax ireġħxuhom. Ma jirrispettaw lil ħadd ħlief lilhom infushom. U fuq kollox, dejjem bil-geddum għax ma jafux x'iridu u mhux faċli tikkuntentahom.



## Id-dixxiplina fit-trobbija tat-tfal

Sonia Camilleri, il-Kummissarju tat-Tfal, f'waħda mit-taħdidiet tagħha fuq il-mezzi tax-xandir, stqarret li wieħed mid-drittijiet li għandhom it-tfal huwa li jiġu ddixxiplinati. Kompliet tgħid li dan ma' jfissirx li għandhom jiġu umiljati waqt li qed jiġu ddixxiplinati, però għandhom jiġu ddixxiplinati fejn u meta jkun hemm bżonn. Tajjeb li nkunu nafu li t-tfal jeħtieġu d-dixxiplina, għax tagħtihom ċertu ammont ta' sigurtà, għax isiru jafu l-parametri sa fejn jistgħu jaslu. Id-diżordni lit-tfal stess iddejjaqhom. Infatti, t-tfal jiftaħru b'dawk l-għalliema li jżommu d-dixxiplina fil-klassi u jmaqdru lil dawk li ma jżommuhiex, u jibqgħu jsemmu dan sa meta jikbru u xagħarhom jibda jibjad.

## Aktar ħin għalihom

Mela x'jeħtieġu tassew it-tfal biex nagħmluhom kuntenti u nrawmu fihom dik il-kultura ta' rispett li l-antenati tagħna għaddew lilna? Ir-risposta hija sempliċi ħafna: **Mħabba bla fsied u aktar ħin magħhom.** Ma' tkunx qed tħobb lil uliedek billi tixtrilhom l-akbar jew l-isbaħ ġugarell li hemm fis-suq, jew billi tagħtihom dak kollu

li jitolbuk. Tkun tħobb lil uliedek billi tgħaddi ħafna ħin magħhom, titkellem magħhom, tilgħab magħhom, taqra magħhom u tismagħhom. Tiskanta llum il-ġurnata, meta fid-dar għandna l-magna tal-ħasil, il-forn tal-gass jew ta' l-elettriku, il-*vacuum cleaner* u l-kitla ta' l-elettriku, meta suppost l-affarijiet isiru b'aktar ħeffa u b'anqas tbatija, il-ħin li ngħaddu mat-tfal tagħna flok żdied naqas. Donnu ħin għal kollox għandna barra għal mat-tfal. Minn għalina għax nixtrulhom kulma jridu, qed nagħmlu t-tfal tagħna aktar kuntenti. Mbagħad fid-dar bil-kemm nagħtu kashom. L-importanti li joqogħdu kwieti u ma jweġġgħulniex rasna. L-anqas nindenjaw ruħna nittawlu biex naraw x'qed jagħmlu jew x'qed jaraw fuq il-kompjuter, għax inħossuna għajjenin wara ġurnata xogħol u rridu nirrilassaw ftit! L-anqas ninkwetaw għax it-tfal kull ma jmur qed jingħalqu dejjem fihom nfushom u jgħaddu ħin twil mwaħħlin mal-kompjuter jew jilgħabu mal-*mobile phone*. L-anqas qed jgħaddilna minn moħħna li l-Unjoni Ewropeja qed tagħmel studju biex tinvestiga l-perikli li jġib miegħu l-*mobile phone* f'idejn it-tfal, bħal, pereżempju, kuntatti ma' persuni bi skopijiet ulterjuri jew forma ta' *bullying* fil-messaġġi li jkunu qed jirċievu. L-aktar ħaġa importanti saret li jħalluna bi kwietna! Ivvintajna l-*playschools* fejn inħallsu l-liri biex ħaddiehor jeħdilna ħsieb it-tfal. U biex minn għalina nagħtu ħajja mill-aqwa lit-tfal tagħna, naħdmu daqs il-kliem, ħafna sigħat *overtime*. L-anqas jgħaddilna minn moħħna li l-aktar ħaġa li t-tfal jixtiequ minn għandna hija l-kumpanija tagħna u li jippreferu jilgħabu magħna b'karozza qadima u mkissra milli jilgħabu b'karozza kbira u ġdida **weħidhom.**







## Problemi ikbar fl-adolexxenza

U t-tfal jikbru u jsiru *teenagers* u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jibdew jitbegħdu minna. Jitla' ħajt bejna u bejnhom li ma' tkun tista' tinfdu b'xejn. Qajla tkun taf x'inhu għaddej f'ħajjithom. Il-kelma tagħna ftit li xejn jibqgħu jagħtu kasha. Valuri u sens ta' sagrifiċċju, xejn. Jibdew joħorġu x'ħin aħna nkunu ser norqdu u ara tiftaħ ħalqek għax jibda t-theddid li jitilqu mid-dar u jmorru jgħixu għal rashom. U ħafna jippruvaw jimlew il-vojt li aħna nkunu ħloqna f'ħajjithom billi jibdew jixorbu l-*alcohol* jew jieħdu d-droga. Fix-xorb u fid-droga huma jaspiraw li jsibu dak li ma' jkunux sabu fil-ġenituri tagħhom, jiġifieri l-wens u l-faraġ fil-problemi li jiltaqgħu magħhom: "Għax intom ma tifhmunix....". K'mhux ukoll: "Intom moħħkom magħluq!......".

## Konklużjoni

Għal min bħali jgħodd fuq is-sittin sena, is-soċjetà ta' madwaru tant inbidlet, li jħossu strangier f'pajjiżu stess. Illum il-ħajja tant saret mgħaġġla, li bil-kemm għandna ħin għalina nfusna, aħseb u ara kemm għandna ħin għat-tfal tagħna. Iż-żwiġijiet saru rabta ċoff, ir-rata tat-twelid dejjem nieżla, u t-tfal fejn qabel kienu barka issa saru piż. Il-prijoritajiet tagħna nbidlu u ħafna drabi, ix-xogħol u l-karriera qed inpoġġuhom fl-ewwel post. Noħolqu, kif jaqbel lilna, dak li hu tajjeb għat-tfal tagħna, mingħajr qatt ma' jgħaddilna minn moħħna li nistaqsuhom x'jixtiequ l-aktar minna. Ir-rispett li fi żmieni t-tfal kellhom lejn il-ġenituri għosfor u m'għadux jeżisti. Id-dixxiplina marret il-baħar u tfal mħajma u mfissda qed jikkontrollaw u jikkundizzjonaw il-ħajja tal-ġenituri tagħhom..... u tas-soċjetà kollha!

Jekk ma' nbiddlux ir-rotta, il-kultura li writna aħna minn għand il-ġenituri tagħna ser tindifen magħna.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

ATTWALITÀ — mill-Kav. Joe M. Attard

# LURA L-ISKOLA



Il-vaganzi tas-sajf għaddew u bosta mill-għalliema daħlu lura għax-xogħol wara li ħadu l-mistrieħ misthoqq tagħhom. Ċert li issa ħadu ċ-'*charge*' li kellhom bżonn biex mill-ġdid jissuktaw jgħallmu u jiffurmaw lill-ġenerazzjoni futura, liċ-ċittadini ta' għada. Nhar it Tncjn 25 ta' Settembru, eluf ta' studenti daħlu lura huma wkoll fil-bankijiet tal-klassi biex ikomplu jedukaw ruħhom u jaslu għall-karriera li jixtieqi jaqbdu. Naturalment huma biss dawk li jpoġġu rashom hemm u jieħdu l-affarijiet bis-serjetà li jaslu fejn jixtiequ, għax kif ngħidu bil-Malti: 'it-tiġrija sal-barkun!'

Nieħdu gost nisimgħu li l-Liċeo Ninu Cremona tal-Belt Victoria fejn jien kont student u wara għaddejt kwart ta' seklu ngħallem, issa sa jingħata dehra ġdida u mat-tliet miljun lira sa jintefqu biex dan, strutturalment, fi żmien tliet snin, jinbidel bħal-lejl min-nhar. Bla dubju ma' dan it-tibdil, trid tinbidel ukoll il-mentalità, l-attitudni ta' bosta mill-istudenti tagħna lejn it-tagħlim biex b'hekk il-pakkett kollu jkun komplut. Bi skola sabiħa biss ma naslu mkien!

Dan li aħna nawguraw u nittamaw: J'alla l-istudenti għawdxin kollha jifhmu l-ħtieġa tat-tagħlim f'ħajjithom, iktar u iktar aħna li ngħixu fuq gżira żgħira. Il-potenzjal qiegħed hemm; issa jmiss lilna li nisfruttawh mill-aħjar li nistgħu! Tfal ħabrieka għal futur sabiħ!

Ta' min jgħid ukoll li t-tliet skejjel il-kbar ta' Victoria, dik Post Sekondarja Sir Mikelanġ Refalo (6th Form), il-Liċeo Ninu Cremona u l-iskola Agius de Soldanis, it-tlieta li huma qed jibdew din is-sena skolastika b'kapijiet ġodda fit-tmun tagħhom, u allura, waqt li rroddu ħajr lil dawk li mexxewhom sa issa, nawguraw lill-ġodda biex ikomplu mexjin fit-triq tal-progress, bid-dixxiplina u bl-imħabba, għall-ġid ta' ulied il-poplu li jixraqlu l-aħjar fost l-aqwa - tagħlim u formazzjoni!



# MAĦTUR IL-KAPITLU ĠENERALI TAS-SORIJIET FRANĠISKANI TAL-QALB TA' ĠESÙ

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li sa mill-bidu nett insibu d-Dar u l-Kunvent tagħhom fi Triq Palma, Victoria Għawdex, xi ftit taż-żmien ilu temmew it-tlieta u għoxrin Kapitlu Ġenerali tagħhom li sar fid-Dar Ġeneralizja tagħhom f'Santa Maria delle Mole, ġewwa Ruma. Ħadu sehem membri tal-Kongregazzjoni mill-postijiet fejn jinsabu, jiġifieri Malta, l-Italja, il-Greċja, l-Ingilterra, l-Iżrael, il-Brażil, il-Pakistan, il-Filippini, l-Etjopja, il-Kenja u l-Awstralja.

Saru laqgħat ta' diskussjoni dwar il-qagħda preżenti tal-Kongregazzjoni u tnieda programm ta' ħidma għall-ġejjieni. Il-għażla tas-Superjura Ġenerali tmexxiet mill-Isqof ta' Albano, Mons. Marcello Semeraro. Għat-tieni darba ġiet magħżula bħala s-Superjura Ġenerali Madre Anselmina Mifsud. Il-bqija tal-Kunsill Ġenerali ntagħżel hekk: Sr. Vitaliana Zammit Vigarja Ġenerali, Sr. Josephine Attard Kunsilliera u Segretarja Ġenerali, Sr. Maria Rossotti u Sr. Maddalena Bonello, Kunsillieri Ġenerali, u Sr. Giuseppina Zammit bħala Ekonoma Ġenerali.

Minn dawn il-kolonni nawguraw lil dan il-Kunsill il-ġdid biex imexxi bil-għaqal u d-dehen lil dan l-Ordni, li jaf il-bidu tiegħu fi gżiritna, waqt li nittamaw li fi żmien mhux il bogħod naraw fuq l-altari lill-fundatriċi tiegħu Madre Margerita Debrincat (minn Ta' Kerċem), u li jiżdiedu iktar vokazzjonijiet reliġjużi fi ħdan dan l-ordni, li f'pajjiżna wkoll għamel u għadu jagħmel ħafna ġid f'bosta oqsma differenti tal-ħajja.

Intant, bejn it-22 u t-28 t'Awissu, il-Madre Ġenerali żaret mill-ewwel il-Provinċja Maltija wara t-tieni ħatra tagħha fit-tmun ta' dan l-Ordni hekk mferrex u magħruf u ħeġġet lil ħutha s-sorijiet biex jimxu dejjem 'l quddiem fil-ħajja spiritwali tagħhom waqt li jagħtu s-servizzi tagħhom b'attenzjoni u mħabba. Ma' San Franġisk, nawgurawlhom "Paċi u Ġid".

**VERSI RIFLESSIVI** — *Żewġ poeżiji ta' Francis Sultana*

## KURUN TAL-ĦALIB

**(Bejjiegħ ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija)**

*Kienu dawk żminijiet koroħ,*
*meta l-ġuħ kien jagħwar fina,*
*maż-żernieq iqum ir-raħal,*
*jistenna 'l Kurun jagħtina*
*gess ħalib minfuħ bir-ragħwa,*
*minn mogħoż niexfa, koroħ dagħwa.*

*Kien iġib xi tnax-il-mogħża,*
*f'ħalqhom liebsa s-sarima,*
*biex le jistgħu xi skart jieklu,*
*għax hekk kienet it-tagħlima:*
*Ħalib nej, 'k fih mard il-mogħża,*
*deni rqiq jisqik mad-doża.*

*Kull mogħża ġġorr laqamha,*
*li drat sew kif jgħajat sidha,*
*dik li jsejjaħ fis ħdejh tiġi,*
*waqt li l-ġemgħa bil-bott f'idha,*
*tittewweb, kif fuq rkobbtu,*
*wara l-mogħża jmil sobtu.*

*Min imissu fir-ringiela,*
*lil Kurun, tal-landa l-bott,*
*inewwillu, biex fih jaħleb*
*miż-żewġ ftietel gess, gess, sod,*
*li lill-bott bir-ragħwa jsaqqfu,*
*'mma ħadd qatt lil Kurun waqqfu!*

*Biss xi tmaqmiq minn taħt l-ilsien:*
*li ta' nofs bott, tħallas ta' tnejn,*
*għax jekk leħnek f'widnejh jaqa',*
*l-għada għalik, ma jifdalx mnejn;*
*biex ma tiklokx in-nies bil-ħars,*
*bl-għoli tħallas, la kollox skars.*

*Tal-kafe' dik l-iskutella,*
*tiddardar b'kemmxejn ħalib,*
*fiha tgħum forsi xi ftieta,*
*għax mnejn tixwi ħobż le ssib,*
*bil-qies kollox, kemm imissek,*
*bir-razzjon tgħakkes 'l-ġismek.*

*Kienu dawk żminijiet iebsa,*
*fejn bilkemm wieħed jitrejjaq,*
*b'hekk jekk ħakk jew xi bruċella*
*mhux la kemm tasal biex tfejjaq,*
*waqt li Kurun bil-mogħoż idur,*
*il-bwiet jimtlew, bla l-bott ifur!*

## RIVISTA MATURA

**(F'għeluq il-61 sena ta'**
**"IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX")**

*Qatt ma bsartha li ma' l-Isqof*
*hawn, ġo Ħondoq, nieklu pizza,*
*li tixtarra f'ħolma mxennqa*
*ta' ġita sa Ġenwa u Nizza.*

*Mhux għax Ħondoq hi xi bajja*
*magħrufa daqs dawn l-ibliet,*
*'mgħax nitfa nbid ma' pizza mħawra*
*forn taħmilek tifkiriet.*

*Ta' kif kibret u ssaħħet*
*ir-Rivista Djoċesana,*
*hekk msejħa, "IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX",*
*bl-istinkar umli minn tagħna.*

*Ġejna hawn f'Jum it-Tifkira*
*t'għeluq sninha ma' l-anzjani,*
*biex minn qalbna nawgurawlha*
*il-ġejjien matur; setgħani.*

*Li bil-ħidma li noffrulha*
*ta' moħħna u anke ta' jdejna,*
*il-qarrejja fiha jmaxtru*
*daqs t'Għawdex ħobża b'xi ġbejna.*

*Ħa jħossuhom sodisfatti*
*jimirħu f'ħin il-mistrieħ,*
*fiha jqallbu paġna, paġna,*
*kulħadd x'jogħġbu u x'gostih!*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Mal-bidu tas-Sena Kateketika 2006 -2007

# IT-TFAL JISTAQSU... IL-PA

## GĦAXAR PARIRI TAL-PAPA BENEDITTU XVI LILL-ĠENITURI

Għeżież Ġenituri

1) Nitlobkom tgħinu lil uliedkom jikbru fil-fidi.
2) Nitlobkom takkumpanjaw lil uliedkom fil-mixja tagħhom –lejn l-Ewwel Tqarbina u wara l-Ewwel Tqarbina.
3) Komplu akkumpanjawhom waqt li uliedkom qed jagħmlu din il-mixja – lejn Ġesù u ma' Ġesù.

**Il-Quddiesa tal-Ħadd**

4) Jekk jogħġobkom – morru l-Knisja ma' uliedkom – u ħudu sehem magħhom fil-Quddiesa tal-Ħadd.
5) U taraw li dan mhux ħela ta' ħin – anzi dan iżomm lill-familja tagħkom magħquda.
6) Il-Ħadd isir isbaħ, u l-ġimgħa kollha tkun isbaħ, meta tmorru l-quddies flimkien.

**Talb flimkien**

7) U jekk jogħġobkom itolbu flimkien wkoll id-dar tagħkom qabel l-ikel u qabel torqdu.
8) It-talb mhux biss iressaqna aktar qrib lejn Alla, iżda jressaqna aktar qrib xulxin.
9) It-talb hu forza u qawwa li jnissel il-paċi u l-ferħ.
10) Il-ħajja tal-familja ssir aktar kuntenta, aktar ta' profitt meta hemm Alla u meta nħossu l-preżenza tiegħu fit-talb.

*Il-Papa fil-Kattidral ta' Munich fl-okkażjoni tal-Ewwel Tqarbina tat-tfal.*

## 1

**Andrea:** X'tiftakar mill-ġurnata ta' l-ewwel Tqarbina tiegħek?

**Il-Papa:**

Fhimt li Ġesù kien daħal f'qalbi , ġie jżur propju lili. Flimkien ma' Ġesù, Alla stess kien miegħi...

Kont mimli b'ferħ kbir għax Ġesù stess kien ġie jgħix fija. Kelli disa' snin u fhimt

- li issa kien beda episodju ġdid f'ħajti,
- u li minn issa kien importanti li nibqa' LEALI lejn din il-laqgħa, lejn kull Tqarbina.

- Jiena wegħidt lil Alla;- "**NIXTIEQ INKUN DEJJEM MIEGĦEK**" u tlabtu lil Alla;- "**IMMA KUN SPEĊJALMENT INTI MIEGĦI**".
- Alla dejjem mexxieni minn idejja, urieni t-triq... anki f'sitwazzjonijiet iebsin.
- U b'hekk dan il-ferħ ta' l-Ewwel Tqarbina kien il-bidu ta' mixja flimkien.
- Nixtieq li anke intom... tkunilkom bidu ta' ħbiberija ma' Ġesù li tibqa' tul ħajjitkom kollha.

## 2

**Livia:** Papa... irrid immur inqerr qabel kull darba li nitqarben?

**Il-Papa**:

Ħa ngħid żewġ affarijiet:

**i) L-ewwel ħaġa**

M'hemmx għalfejn tmur tqerr qabel kull darba li titqarben, sakemm ma tkunx għamilt dnubiet gravi li trid tqerrhom... meta tkun fid-dnub il-mejjet, jiġifieri gravi, huwa neċessarju li tqerr qabel it-tqarbin.

**ii) It-tieni ħaġa**

Anke jekk mhux neċessarju li tqerr qabel kull tqarbina, huwa tajjeb ħafna li tqerr b'mod regolari.

... Aħna mdorrijin nnaddfu d-djar tagħna u l-kamra tagħna mill-inqas darba fil-ġimgħa... Dan nagħmluh biex ngħixu fin-nadif.

L-istess għar-ruħ tagħna u għalija stess, jekk ma nqerr qatt, ir-ruħ tibqa' traskurata...

**L-INDAFA TAR-RUĦ**

U din l-indafa tar-ruħ li Ġesù jagħtihielna fis-sagrament tal-qrar, tgħinna - ħalli jkollna l-kuxjenza aktar tajba – u b'hekk nistgħu anke nikbru u nimmaturaw spiritwalment.

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# A JWEĠIBHOM

## 3

**Alessandro:** Li nieħdu sehem fil-quddiesa u nirċievu l-Ewkaristija kuljum jiswa' għall-ħajja tagħna?

**Il-Papa:**
Dan jgħinna biex insibu l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja tagħna.

Dawk il-persuni li ma jmorrux il-knisja ma jafux li fil-ħajja tagħhom jonqoshom proprju Ġesù.

- Jekk Ġesù ma jkunx fil-ħajja tiegħi, allura ma jkollix min jiggwidani.
  a) Ikun jonqosni dik il-ħbiberija essenzjali, u
  b) Ikun jonqosni wkoll dak il-**FERĦ** li tant hu importanti għall-ħajja.
- Jekk Ġesù ma jkunx fil-ħajja tiegħi, ma jkollix il-forza biex nikber bħala bniedem u s-saħħa li negħleb il-vizzi tiegħi u nimmatura bħala bniedem.




*Il-Papa mat-tfal fi Pjazza San Pietru, 15 ta' Ottubru 2005. Siltiet minn ktejjeb li ħareġ.*

## 4

**Adriano:** X'inhi l-Adorazzjoni Ewkaristika? U kif issir?

**Il-Papa:**
... l-adorazzjoni hija din;

- li nagħrfu li Ġesù **HUWA DAK LI JMEXXINA**; Dak li jurini liema triq għandi naqbad.
- Li Ġesù jfehmni li nista' ngħix tajjeb biss, jekk jien inkun naf it-triq li Hu jurini.
- Għalhekk meta nagħmlu l-adorazzjoni nkunu qed ngħidu lil Ġesù:
  **"ĠESÙ, JIEN KOLLNI TIEGĦEK U FIL-ĦAJJA TIEGĦI RRID NIMXI WARAJK. QATT MA RRID NITLEF DIN IL-ĦBIBERIJA U L-GĦAQDA MIEGĦEK".**
- L-adorazzjoni hija **TGĦANNIQA MA' ĠESÙ li fiha ngħidlu "JIEN KOLLNI TIEGĦEK U GĦALHKK NITOLBOK BIEX INTI TKUN WKOLL DEJJEM MIEGĦI".**

## TALBA TAL-FAMILJA

O Alla, li fil-Familja Mqaddsa ħallejtilna mudell perfett tal-ħajja tal-familja mgħixa b'fidi u ubbidjenza lejn ir-rieda Tiegħek,

- Għinna biex inkunu eżempju ta' Fidi u Mħabba lejn il-Kmandamenti Tiegħek.
- Għinna fil-missjoni tagħna biex ngħaddu l-Fidi li rċevejna minn għand il-ġenituri tagħna lil uliedna u ħbiebna.
- Iftaħ il-qlub ta' wliedna sabiex iż-żerriegħa tal-Fidi li huma rċivew fil-magħmudija, tikber fihom.
- Saħħaħ il-Fidi taż-żgħażagħ tagħna sabiex jikbru f'Ġesù u jagħrfu aktar lil Ġesù.
- Kabbar l-imħabba u l-fedeltà fiż-żwiġijiet kollha, speċjalment dawk li għaddejjin minn żminijiet ta' tbatija jew diffikultà...

Magħqudin ma' Ġużeppi u Marija, dan nitolbuk b'Ġesù Kristu, Ibnek u Sidna... Amen.

*Il-Papa ġewwa Valencea*
*fil-WORLD MEETING OF FAMILIES*

KTIEB X'TAQRA

# "GĦANA GĦAT-TFAL"

## Poeżiji ta' MARY MEYLAK

Miġbura minn Frank L. Mercieca

Dan huwa l-isem ta' damma ta' poeżiji ħfief u mexxejja li l-Poetessa Ghawdxija Mary Meylak kienet ħarġet fi ktieb fil-bidu ta' l-Erbgħinijiet. Tgerbu kważi sittin sena minn din il-ġrajja u dan il-ktejjeb li jiġbor fih dsatax-il poeżija ħelwa għat-tfal tal-primarja, ma reġa' ġie stampat qatt allavolja kien ġie milqugħ tajjeb mit-tfal ta' l-iskola, fejn il-kotra ta' dawn il-poeżiji għadna nafuhom bl-amment. Min ma jiftakarx dawn il-versi li ġejjin:

*"Sulfarina mara ċkejkna,*
*Għandha tfal tnejn u ħamsin,*
*Hija żżommhom ġewwa kaxxa,*
*Kollha hemm ġew, dejjem reqdin.*

*It-tfal tagħha lkoll ta' l-għuda,*
*Le mhumiex tad-demm u l-laħam,*
*Ilkoll għandhom ġisem abjad*
*Imma rashom sewda faħam.*

*Ma tridx tfal min imisshomlha,*
*Tridhom biss f'idejn il-kbar,*
*Sulfarina tathom l-ordni,*
*Li jaħarqu lit-tfal żgħar."*

Intant, għaliex ġara dan aħna ma nafux. Nafu biss li Meylak għexet iktar minn tletin sena minn mindu kienet ħarġet l-ewwel edizzjoni tagħha, li kienet ġiet stampata fiż-Żejtun, fejn tgħarrafna li dan kien l-ewwel ktieb. Dan juri li Meylak kellha f'moħħha u kellha mħejjija poeżiji oħra ta' din il-bixra għat-tfal u li hi kellha l-ħsieb li toħroġ f'volum ieħor. Dan ma seħħx u mhux biss it-tieni volum ma ħariġx, imma lanqas ġiet stampata t-tieni edizzjoni ta' l-ewwel ktieb, allavolja l-kopji kollha kienu nbiegħu fi żmien qasir.

Ir-raġuni li ma ħarġitx it-tieni edizzjoni ta' dan l-ewwel volum aħna ma nafuhiex u lanqas nafu għaliex ma ħarġitx l-ewwel edizzjoni tat-tieni volum. Aħna nemmnu li kellha poeżiji biżżejjed u iktar minn biżżejjed biex toħroġ anke t-tieni volum. Kull ma nafu, u nafu x'aħna ngħidu, li f'dawk iż-żmenijiet, li kittieb jaqtagħha li jistampa ktieb, kienet deċiżjoni tqila. Naturalment l-inkwiet kien wieħed finanzjarju. Meylak allura kellha tħalli fuq l-ixkaffa ħafna materjal li kellha mħejji bla ma ġie qatt stampat. Ir-riżultat kien illi, b'xorti ħażina, il-kotra ta'dan il-materjal, illum intilef għal dejjem jew inqered. Din ix-xorti ħażina li messet lil Meylak, ma messitx biss lil din il-poetessa għawdxija, iżda kellhom iħabbtu wiċċhom magħha kittieba oħra għawdxin, fejn b'għaqal u dehen, kitbu ħafna u ħafna mhux biss bil-Malti iżda wkoll b'ilsna oħra, fosthom Mons. Fortunato Grech u Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso. Fejn hi kitbiethom illum!




F'għeluq il-100 sena minn twelidha, is-Sur Frankie Mercieca, Għawdxi bħali, studjuż u ħabib tal-Malti, ħa l-inzjattiva u ħareġ din it-tieni edizzjoni ta' din il-ġabra ta' poeżiji tagħha bil-ħsieb u x-xewqa li t-tfal tal-lum iduqu mill-benna li ħarġet mill-pinna ta' din il-poetessa għawdxija, omm il-fantasija u l-immaġinazzjoni, bħalma nsibu f'din il-poeżija li ġejja. Il-poeżija jisimha *"Toninu mar il-festa"* :

*"Toninu mar il-festa*
*Bil-poni ġdid li xtraw,*
*Kien hemm folla u bandieri*
*U baned jimmarċjaw.*

*Kemm xtara luminati,*
*Pastizzi u qassatati,*
*Il-flus tal-karus nefaq*
*Qubbajt, pasti u ġelati.*

*U l-għada ma marx skola*
*Toninu qam marid,*
*kiel wisq u għamillu d-deni*
*W hekk tgħallem jiekol ftit."*

Dan il-ktejjeb uniku jinbiegħ mil-"Lumen Christi Bookshop", Victoria, għall-prezz ta' Lm1.

**Kav Joe M. Attard**

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 147

Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2006

# Kontroll fuq il-Frott fis-Suq

Id-dokument numru mija sebgħa u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi twissija mogħtija lill-bejjiegħa tal-frott li ġġib id-data tas-26 ta' Ġunju, 1706. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 85r (NAG, UG, *Acta,* 9/1705–1706, f. 85r).

Din hi t-traskrizzjoni tat-twissija:

**Riferisce Vittorio Grech, servitore, d'ordine delli Perillustrissimi e Manificentissimi Spettabli Signori Giurati di questa Università et Isola del Gozzo haver erigionato mandate penale d'onza una del peso corrente d'applicari a detta Università, a tutti Bottegari di detta Isola, che non pratticano ne ardiscono di vendere nessuna sorte di frutti che gli saranno portati dalli gardinari per venderli nelle loro Bottege prima che non li mustreranno detti frutti alli attaccapani, onde...**



Żmien is-sajf hu żmien il-frott. Il-bidwi bieżel ta' Għawdex kien kburi b'xogħlu u b'attenzjoni bla ma taqta' kien jirnexxielu jipproduċi l-aħjar frott tal-gżejjer Maltin. L-aqwa frott kien ikun ippreservat biex jittieħed fil-magħrufa wirja agrarja ta' Santa Marija.

Fil-bidu nett tagħha, lejn l-ewwel kwart tas-seklu tmintax, din il-wirja kienet issir fit-Taraġ tal-Belt, jiġifieri taċ-Ċittadella ta' Għawdex. Ix-xjuħ sa ftit żmien ilu dejjem sejħulha l-Belt. Dan it-taraġ kien jagħti mill-pjazza tat-Tokk għal fuq il-pont li kien hemm quddiem il-bieb tal-Belt. It-taraġ kien naturalment jagħti wkoll għall-Knisja Matriċi ta' Għawdex fejn kienet issir il-festa ta' Santa Marija.

Il-bidwi Għawdxi kien jaħtaf l-okkażjoni, meta mijiet ta' Għawdxin u Maltin kienu jiffullaw fil-Matriċi, biex juri lil kulħadd il-frott l-għaraq ta' ġbinu, ibiegħ kemm jista', u hekk idaħħal xi ħaġa. Il-flus fi żmien Santa Marija kienu meħtieġa iktar mis-soltu għax mal-festa, il-bidwi ried iħallas il-qbiela u l-kera tar-raba' tiegħu.

Il-wirja ta' Santa Marija baqgħet issir fit-Taraġ tal-Belt sas-sena 1854. Mis-sena ta' wara kienet trasferita fil-bitħa ta' l-iskola primarja ġdida tar-Rabat fi triq Vajringa. Fis-sena 1943, meta t-tieni Gwerra Dinjija tbiegħdet mix-xtut ta' Malta, il-wirja ta' Santa Marija bdiet issir il-Mall jew Villa Rundle. Lejliet u nhar Santa Marija, din il-wirja għadha tiġbed eluf tan-nies sa llum.

It-twissija li qegħdin nirriproduċu tixhed li diversi ħwienet tal-ħaxix kienu miftehma ma' xi bdiewa biex jeħdulhom il-frott tagħhom direttament fil-ħanut. Għalhekk mal-bidu tas-sajf 1706 – tliet mit sena ilu – il-Ġurati bagħtu lis-servjent tagħhom Vitor Grech ħalli jfakkarhom illi dan kien kontra l-liġi.

Qabel ma jinbiegħ mill-ħanut, il-frott kellu jittieħed għand l-attakapani, l-uffiċjal inkarigat mis-saħħa pubblika, biex jara li kien ta' kwalità u fuq kollox nieqes minn kull tinġiż.

Il-bejjiegħa tal-ħaxix kienu mwiddba li min jikser din il-liġi kien jeħel multa ta' uqiqa kurrenti, liema multa kellha teħodha l-Università ta' Għawdex.

HOME STYLE

• Ceramics • Chandeliers • Appliances
• Furniture • Carpets

Ġużepp Labre Str., Pjazza Kennedy, Victoria, Gozo
Tel: 21 552099 Fax: 21 561438 Mob: 9942 0520
Web Site: www.homestylegozo.tk

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (48)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TLETTAX-IL PARTI)*

## *KIF U SAKEMM HUWA PREŻENTI KRISTU FL-EWKARISTIJA*

Kif jgħallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.1377): "Il-preżenza Ewkaristika ta' Kristu tibda mill-mument tal-konsagrazzjoni u tibqa' sakemm jibqgħu l-ispeċi Ewkaristiċi. Kristu hu kollu kemm hu preżenti taħt kull speċi u kollu kemm hu wkoll, taħt il-partijiet kollha tagħhom, hekk li l-qsim tal-ħobż ma jaqsamx lil Kristu", għax il-Ġisem ta' Kristu li qam mill-mewt ma tista' tiġrilu ebda ħsara.

Fl-Ewkaristija hemm Kristu bħala Alla u bħala bniedem, jiġifieri bid-divinità u bl-umanità tiegħu; dan iseħħ bis-saħħa tal-unjoni ipostatika, li hija waħda mill-veritajiet tal-Fidi Nisranija. L-unjoni ipostatika ta' Kristu hija l-għaqda tan-natura divina man-natura umana f'persuna waħda, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Allura, l-unjoni ipostatika tinkludi wkoll kull ma fiha n-natura umana magħquda mad-divinità. Dan ifisser li kull fejn hemm in-natura umana ta' Kristu jew parti minnha, hemmek ukoll tinsab il-Persuna tal-Verb, l-Iben Etern t'Alla, għaliex Ġismu u Demmu ma jistgħu qatt jinfirdu mill-Persuna Divina tiegħu, kif jgħidilna l-Appostlu: "Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx iktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu"(Rum.6,9).



Dwar l-umanità ta' Kristu fl-Ewkaristija nosservaw li Kristu huwa sħiħ taħt kull waħda mix-xbiehat sewwa tal-ħobż kif ukoll ta' l-inbid. Fl-Ewkaristija hemm l-istess Kristu ħaj u glorjuż, bħal ma jinsab ukoll fis-Sema. Fi kliem ieħor, il-Ġisem Mqaddes tiegħu, li huwa immortali u mimli bil-glorja, illum jinsab fis-Sema u taħt ix-xbihat Ewkaristiċi, kull fejn hemm l-Ewkaristija. Huwa jista' jagħmel dan il-miraklu, għaliex is-setgħa li għandu Kristu bħala Alla hija infinita.

L-eżistenza tal-Ġisem tal-Mulej fl-Ewkaristija Mqaddsa, mhix materjali bħal dik tal-iġsma ordinarji, iżda hija dik ta' ġisem glorjuż, ċioè ġisem li qam mill-mewt u għalhekk mhux suġġett għall-mewt, u għal ċerti limitazzjonijet oħra li għandu l-ġisem uman f'din l-art. Il-preżenza ewkaristika tixbah b'xi mod il-preżenza ta' l-ispirtu, bħal ma hija r-ruħ fil-ġisem tal-bniedem, u f'kull membru tiegħu l-preżenza mqaddsa tinsab f'kull parti ta' l-ostja kkonsagrata, bħalma oġġett tad-deheb jekk jinkiser is-sustanza tad-deheb tibqa' f'kull parti minnu hekk ukoll il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu jibqgħu preżenti f'kull parti ta' l-ostja meta jiġu maqsuma.

Xhieda ta' dan insibuha fl-Evanġelju, difatti Ġesù fl-aħħar ċena qal lill-Appostli: "Ħudu u kulu: Dan hu ġismi" u kull wieħed mill-appostli ħa biċċa mill-ħobż li newlilhom u kull wieħed minnhom rċieva l-Kristu ħaj, kollu kemm hu, veru Alla u veru bniedem.

Wara l-konsagrazzjoni Kristu jibqa' realment preżenti, sakemm l-ispeċi jibqgħu dak li huma u ma jitħassrux. Għalhekk jekk l-ostja tinħall jew iddub fil-proċess tad-diġestjoni, kif ukoll jekk l-inbid jiqras u jsir ħall, tintemm ukoll il-preżenza reali, li kienet moħbija fihom.

"Wara s-sagrifiċċju, - kif nistqarru fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI - din l-eżistenza tibqa' preżenti fis-Sagrament Mqaddes li jinżamm fit-tabernaklu bħala l-qalb ħajja tal-knejjes tagħna."

*(jissokta)*

XHIEDA EWKARISTIKA minn Dun Pawl Camilleri

# X'se nagħmlu b'din il-preżenza?



Issib ħafna, li qatgħu mill-Quddiesa tal-Ħadd, Ii jgħidulek: "Ma tistax toqgħod titlob id-dar, fil-kamra waħdek, kif qal Ġesù stess?" Irrid nara kemm jitolbu fil-kamra waħedhom! Imma anke kieku stess! Avolja t-talb fil-kamra waħdek għandu l-valur tiegħu, u mhux ta' min jittraskurah. Imma mbagħad x'nagħmlu bl-Ewkaristija? **X'nagħmlu bil-Preżenza Reali? M'għadhiex ta' siwi? Nistgħu ngħaddu mingħajrha? Inħobbu 'l Alla mid-dar biss? Inħalluha Preżenza mdawra bl-assenza tagħna?**

• Darba qassis f'raħal żgħir, kien għadu kemm iċċelebra 50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Kien ilu ħafna kappillan f'dik il-parroċċa mwarrba. Kien qed iqaddes, is-Sibt fil-għaxija, bħas-soltu. Ftit qabel beda l-Omelija, daħal fil-knisja personaġġ ta' fama internazzjonali li spiss in-nies kienu jarawh fuq it-TV. Baqgħu skantati. Kulħadd ħares lejh. X'ħin spiċċat il-quddiesa, ħafna baqgħu jkellmuh fuq iz-zuntier. Il-kappillan ġewwa kien u ġewwa baqa'. "Għid il-veru," staqsa parruċċan lill-kappillan, "ma ħassejtekx skomdu tippriedka quddiem persuna daqshekk importanti?" "Lanqas xejn," qal il-kappillan. "Jien ili 50 sena nippriedka fil-preżenza ta' Kristu nnifsu u ma ħassejtnix skomdu. Aħseb u ara fil-preżenza ta' bniedem bħali!" **Taf li qatt ma rrealizzajt li Ġesù jieħu paċenzja jisma' lili nispjega lilu! Dik preżenza speċjali! Ma ddejqux l-injoranza tagħna! Jibqa' jissaportina... mhux bħan-nies. Dawk malajr indejquhom bil-prietki tagħna!**

• Ħdejn il-*White House* f'Washington, hemm kappella li fiha normalment imur għas-Servizz il-President ta' l-Amerika. Darba waħda, ir-Rettur ta' dik il-kappella rċieva telefonata: "Jekk jogħġbok, tista' tgħidli jekk il-Ħadd li ġej il-President hux se jkun preżenti fil-kappella għas-Servizz?" "Ma nistax nassigurak minn dan", wieġeb ir-Rettur lil min ċempillu, "imma ċert li se jkollna l-preżenza ta' Alla. Jidhirli li dik il-Preżenza hi raġuni kbira biżżejjed biex tiġbed lejha numru kbir ta' nies li jemmnu".

• **Kellna bżonn nieħdu ftit privat mingħand il-Madonna dwar kif nittrattaw dik il-Preżenza Moħbija imma Reali.** U kif! Fid-disa' xhur tqala kienet iġġorr fiha b'tant għożża, mħabba u devozzjoni din il-Preżenza siekta u potenti. Il-frott immedjat ta' dil-Preżenza kien: (a) servizz pront u fit-tul għall-proxxmu fil-bżonn (telqet tiġri għand Eliżabetta u damet 3 xhur; (b) spirtu ta' tifħir bla qies lil Alla *(Magnificat)*; (ċ) ferħ lil min sab ruħu fil-Preżenza ta' Kristu li kienet iġġorr (Ġwanni qabeż f'ġuf ommu). Aħna qed naġixxu l-istess?




SMUGGLER'S CAVE
BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



*drawwiet missirijietna*

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tmienja u Erbgħin Parti )*

*(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *INBID MILL-GĦENEB (B)*

### *Il-Ħwienet ta' l-Inbid*

Dari Għawdex kien mimli bil-ħwienet ta' l-inbid. Il-bdiewa, il-kaċċaturi, in-nassaba, dawk li jaħdmu fit-toroq jew fil-barriera, u ħaddiema oħra, kull fil-għaxija kienu jinġabru għand ta' l-inbid biex jixorbu dak it-**terz** jew **nofs** inbid. Kienu jixtruħ **pinta** pinta u, għalhekk, ħafna minnhom kienu joqogħdu **jpenntu** u jitħaddtu sa xħin isir il-ħin biex jerġgħu lura lejn id-dar. Il-**pinta** kienet l-iżgħar kejl ta' l-inbid. Il-kejl l-ieħor kien kif se ngħidu:

| | |
|---|---|
| 2 pinet | = terz, |
| 2 terzi | = nofs, |
| 2 infas | = kartoċċ, |
| 4.75 krataċ | = kwarta, |
| 2 kwarti | = ġarra, |
| 4 ġarar | = barmil. |

Fil-ħanut wieħed ma kienx jixrob aktar minn nofs. Il-kejl l-ieħor kien qiegħed għal min irid jixtri aktar inbid biex jieħdu d-dar. Il-kejl ta' l-inbid u, la ġejna f'dan, taż-żejt, kien ikun tal-landa, imma ta' qisien differenti. Issa dari kien hemm ukoll is-**sakranazzi** jew **skaren** li kienu jiskru ta' spiss. Kellhom ukoll it-taqbila tagħhom:



*Inbid, ja nbid,*
*kulma nagħmel, kollu għalik.*

Taraw, l-abbuż ta' l-alkoħol kien minn dejjem. Għal dawn in-nies ***l-art kienet ħobż u l-baħar inbid***. Tant hu hekk li l-kittieb Għawdxi Agius de Soldanis fid-dizzjunarju tiegħu ħallielna din it-taqbila:

*Inbid, inbidejn,*
*minn wieħed jara tnejn.*

Jiġifieri l-effett ta' ħafna xorb ta' nbid ifisser biss li wieħed ma jibqax f'sensih sewwa u jitlef il-bilanċ u l-konċentrazzjoni. F'kelma waħda jisker u jispiċċa jintelaq ma' l-art. Billi dari n-nies fil-festi kienu jixorbu ħafna nbid, dawk li jabbużaw kienu jintefgħu ma' l-art ħdejn xi ħanut sakemm jiġu nieshom għalihom u jiġbruhom.

### *Id-Dugħ ta' l-inbid*

Id-**dugħ** ta' l-inbid kien jagħmlu u jieħu ħsiebu l-**buttar**. **Dugħ** tfisser reċipjenti u kontenituri. Ma jidhirlix li Għawdex kien hawn xi **buttara**, u għalhekk għal dan ix-xogħol kienu jiġu jagħmluh il-Maltin. Imma xi wieħed kien jibqa' hawn. Niftakarhom isemmu lil Ġorġ Ellul, imlaqqam "tal-Buttar" li kien ukoll bandist u jdoqq flawt mal-banda tal-Ljun.

Bla ma nidħol fid-dettall tax-xogħol tal-buttar, se nsemmi xi reċipjenti li kienu jintużaw għall-inbid, u dugħ ieħor li kien isir mill-buttar.

**Bittija** jew **bettija/btieti**. Dawn kienu jiġu minbarra bil-*brandy* jew bir-*rum*, inbid u xorb ieħor, u wara jintużaw għall-inbid. Il-buttar kien kapaċi jagħmel btieti ġodda, imma kien isewwi wkoll dawk li jiġu minn barra. Il-btieti kienu jkunu magħmulin minn injam tal-qastan jew tar-

ruvlu (injam tal-balluta), u dawk tar-rum kienu btieti l-aktar stmati. It-toqba ta' fuq tal-bittija tissejjaħ **bokka**, u dik ta' isfel, fejn jeħel il-vit, kienu jgħidulha **kokku**. Il-vit ikun ta' l-injam u jsammruh fuq it-tapp tal-kokku, li jkun tas-sufri. Dan jiġi mbuttat 'il ġewwa u l-vit iross mal-bittija u hekk ma jixtered xejn. L-inbid mill-bittija jrid jittieħed bilfors minn dan il-vit u mhux mill-bokka ta' fuq għax fil-wiċċ l-inbid ikollu bħal żliega, imsejħa **libsa**, li jekk iċċarratha l-inbid jitqawwa u jiqras. Din il-libsa tiġġebbed u tikber weħidha skond il-wiċċ ta' l-inbid fil-bittija.

Meta l-inbid jimlewh fil-bittija jkun għadu ma qagħadx, mela jkun għadu **jeħmer** jew **jiffermenta**. Għalhekk il-bokka ma kinux jagħilquha sewwa mill-ewwel. Imma wara ftit ġranet kienu jagħilquha bi xkora mat-tapp biex jintrass sewwa, u ġieli kienu jissiġillawha minn barra biċ-ċomb jew bix-xema', inkella bit-tafal.

Billi aħna konna nagħmlu l-inbid tad-dar, u kellna kamra apposta għal hekk, darba xi ħadd minn ħuti fettillu jsodd il-bokka tal-bittija qabel iż-żmien bit-tapp u dan spara 'l fuq u l-inbid ħareġ qisu tromba u baqa' jiġri għal ġot-triq!

**Ġarra,** l-iżgħar bittija magħmula mill-injam u tesa' żewġ kwarti. **Barmil**, bittija li tesa' erba' ġarar jew barmil.

**Żewġ bramel**, bittija li tesa' żewġ bramel. Dawn il-btieti żgħar kienu jkunu għand tal-ħanut biex ibigħ l-inbid minnhom. Kien ikollhom vit apposta ta' l-injam biex tal-ħanut ikun jista' jimla minnhom.

**Mezza/mezez** kienu btieti ikbar minn taż-żewġ bramel, iżda ma kinux l-ikbar btieti. Kienu jesgħu minn ħames sa tmien bramel.

**Btieti tal-għaxra.** Dawn kienu jkunu btieti li jesgħu għaxar bramel. Xi btieti kienu jsibuhom bin-numru ta' bramel li jesgħu.

**Tanbur/tnabar**, bittija kbira li tesa' bejn 14 u 20 barmil. Din il-kelma tintuża l-aktar f'Għawdex. F'Malta bittija bħal din kienu jsejħulha **panċer/panċrijiet** u kienet tesa' sbatax-il barmil.

**Buttazza/buttazzi**, tip ta' bittija. Din il-kelma wkoll tintuża l-aktar f'Għawdex. S'issa ħadd ma qalli kemm kienet tesa'.

**Damiġġjana/-i** jew **traminġjana/-i**, kienet tkun bħal flixkun kbir tal-ħġieġ li jimlewh bl-inbid. Biex ma jinkisirx, kienu jaħdmu madwaru qoffa tal-qasab jew xi materjal ieħor.

**Flixkun tan-nofs u pinta.** Dan kien flixkun komuni tal-ħġieġ li dari kienu jmorru jixtru l-inbid fih mill-ħanut ta' l-inbid biex jeħduh id-dar.

Il-buttar kien jaħdem ukoll il-**krietel. Kartell** kien ikun speċi ta' bittija magħmula minn injam ta' l-abjad mhux biex tintuża għall-inbid, imma għal oġġetti solidi bħal xaħam, patata, basal, bettiħ, rummien, u xi drabi ilma bis-salmura biż-żebbuġ fih.

**Tnall/tnalli**, jew **tnell/i**, inkella **tnal/i**. **It-tnall** kien ikun bittija mingħajr għatu biex fiha jagħsru l-għeneb id-dilettanti ta' l-inbid.

**Bezzun/bziezen.** Il-buttar kien jagħmel ukoll il-bziezen għall-ġelat. Dan kien ikun bħal bittija mingħajr żaqq u fih kien ikun hemm kontenitur tal-landa mdawwar bis-silġ biex il-ġelat jew il-granita tibqa' kiesħa. Sa din is-sena, il-Bellusa, mir-Rabat, Għawdex, għadu jarma bil-bezzun ħdejn il-Banca Giuratale fil-festa ta' San Ġorġ u Santa Marija u jbigħ il-granita.

**Mastella.** Din tkun nofs bittija, kartell jew bezzun, mill-panzier 'l isfel, li tintuża għall-ħasil tal-prodotti jew oġġetti oħra tal-bdiewa. Panzier huwa ċ-ċirku tan-nofs tal-bittija. Ġieli kienu jaqtgħuha wkoll terz ta' bittija biex tkun iktar baxxa.

Fl-aħħar nett il-buttar kien jagħmel ukoll oġġetti oħra ta' l-injam bħal xi **kejla, nofs kejla, siegħ, nofs siegħ, bramel tal-ġbejniet, u bramel tax-xaħam imdewweb.** Dawn aktarx kienu jsiru mil-lavrant meta ma jkollux wisq xogħol.

**Kliem diminuttiv:** Bittija żgħira tissejjaħ **btejta**; ġarra żgħira, **ġrajra**; barmil żgħir, **brajmel**; barmila żgħira, **brajmla.** Imma dawn kienu kontenituri li jintużaw għal skopijiet oħra u mhux għall-inbid.

Il-btieti kienu jaħsluhom billi jeħduhom xi ġimgħa l-baħar. Meta jkunu maħmuġin bil-**morga**, biex din tinqala' u titnaddaf kienu jagħtuhom bil-katina biex tobrox il-bittija minn ġewwa ħalli tindaf sewwa. Il-**morga** kienet tkun dak il-materjal solidu jew **naqal** li jissaffa mill-inbid u joqgħod fil-qiegħ. Meta kienu jintużaw, il-btieti kienu jxarrbuhom ta' spiss biex ma jinxfux u ma jixorbux ħafna nbid.

*(jissokta)*


Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iz-Zewwieqa Qala

Tel. 21553500

## Passiġġata Biblika - 19

*"Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: 'Mara, Hemm hu Ibnek'. Mbagħad qal lid-dixxiplu: 'Hemm hi ommok'."* (Ġw 19:26-27)

# IS-SEHEM TAL-MADONNA FIL-MISTERU TAL-KNISJA

minn Fr. Charles Buttigieg

**Fil-ħajja tal-Verġni Marija naraw l-isbaħ storja ta' mħabba bejn Alla u l-bnedmin. Mhux ta' b'xejn mela li f'Marija naraw il-glorja t'Alla, dik li hi: "mimlija bil-grazzja" (ara Lq 1:28), għaliex hija tassew l-ewwel frott tar-redenzjoni ta' Kristu, magħżula biex tkun Omm Alla.**

Din l-istorja ta' mħabba hija inizjattiva t'Alla. Sa mill-eternità Alla għażel biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Iżrael, tfajla lhudija minn Nazaret tal-Galilija: "xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija." (Lq 1:26-27). Missirijiet il-Knisja jsejħu lill-Madonna bit-titlu grieg ta' '*Panaghia*', jiġifieri dik li hi 'kollha kemm hi qaddisa' u li hija tassew 'Omm Alla', '*Theotokos*'. Il-Qaddej t'Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Enċiklika tiegħu *Redemptoris Mater*, dwar is-sehem tal-Madonna fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja, fin-numru 8 jikteb: "B'mod tassew speċjali u eċċezzjonali, Marija hi marbuta ma' Kristu, u bl-istess mod hi maħbuba għal dejjem f'dan l-Iben il-Maħbub, l-Iben li hu ta' l-istess natura tal-Missier, u li fih tinġabar il-milja kollha tal-glorja u tal-grazzja."

Riċentament anke l-ħidma ekumenika qegħda tifhem aktar dan l-għarfien dwar ir-rabta tal-Madonna ma' Kristu kif naraw fid-dokument ta' stqarrija komuni dwar il-Madonna bit-titlu: "Marija: grazzja u tama fi Kristu", imħejji mill-'*Anglican-Roman Catholic International Commission*'.

### Marija fil-Misteru ta' Kristu

Bosta qaddisin fil-Knisja huma kbar fl-għajnejn tal-bnedmin għaliex spiritwalment kienu qrib ta' Ġesù. Marija ma kinetx biss spiritwalment qrib Ġesù imma anke fiżikament.

Fil-vanġeli naraw din il-preżenza kontinwa tal-Madonna fil-ħajja ta' Kristu, f'Betlehem, f'Nazaret, fil-Galilija u fil-Passjoni, fil-mumenti tal-ferħ kif ukoll f'dawk tat-tbatija. Is-sehem ta' Marija jilħaq il-qofol tiegħu fil-vanġeli, fl-ikbar 'siegħa' ta' Kristu li skond San Ġwann hija s-siegħa tas-salib għaliex hija s-siegħa tal-'glorja' fuq il-Golgota. Il-Konċilju Vatikan II fil-*Lumen Gentium* fin-numru 58, iddeskrivilna b'mod tassew ċar il-missjoni ta' Marija taħt is-salib:

> *"...hekk ukoll il-Verġni Mqaddsa mxiet 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi u żammet bil-fedeltà l-għaqda tagħha ma' Binha sas-Salib fejn, mhux mingħajr pjan ta' Alla, hi baqgħet wieqfa, qasmet b'qawwa ma' Binha t-tbatijiet tiegħu u ngħaqdet b'qalb ta' Omm mas-sagrifiċċju tiegħu waqt li b'imħabba tat il-kunsens tagħha għall-offerta tal-vittma li hi kienet welldet. U fl-aħħar, mill-istess Kristu Ġesù li kien qiegħed imut fuq is-Salib, hi ngħatat lid-dixxiplu bħala Omm b'dan il-kliem: 'Mara, hawn hu Ibnek'."*

### "Mara, hemm hu ibnek"

Fl-aħħar kelmiet jew frażijiet ta' Ġesù fuq is-salib li tassew jidhru bħala t-testment tiegħu, Ġesù jagħtina lil ommu Marija bħala ommna wkoll. Ġesù jsejjaħ lil ommu bit-titlu dinjituż ta' 'mara', bil-grieg: '*gynai*' li tfisser 'sinjura', l-istess bħal fl-episodju tat-tieġ ta' Kana. Il-Madonna taħt is-salib ta' Binha hija tassew il-mara l-ġdida tas-salvazzjoni ġdida minn Ġesù Kristu. L-'Iva' ta' Marija lill-anġlu Gabrijel fid-dar umli ta' Nazaret issa tiġi kkonfermata b'din l-'Iva' ta' Marija fuq il-Kalvarju taħt is-salib, fejn Ġesù jgħidilha: "Mara, hemm hu ibnek." (Ġw 19:26). Mbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok" (Ġw 19:27).

Kull nisrani għandu jħares lejn din il-'mara ġdida' bħala l-Omm tiegħu tassew. Marija hija tassew Omm ta' dawk kollha li jimxu wara Binha. Għalhekk Marija hija Omm il-Knisja għax tassew hija għandha sehem importanti fil-Misteru tal-Knisja. Il-missjoni materna ta' Marija fil-Knisja hija kkonfermata għalhekk fuq il-Kalvarju. "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (ara Ġw 2:5) f'Kana tiġi konfermata fuq il-Kalvarju minn ordni oħra ta' Ġesù Binha.




## Omm il-Għaqda fil-Knisja

Wara l-mewt ta' Ġesù, l-appostli u d-dixxipli tiegħu qatgħu qalbhom kif ġralhom iż-żewġ dixxipli ta' Emmaws. Ħasbu li kollox kien spiċċa. Il-jum ta' Sibt il-Għid kien jum ta' niket u skoraġġiment. Iżda Marija baqgħet temmen fil-persuna ta' Ġesù. Fil-liturġija, il-jum tas-Sibt huwa ddedikat lil Marija għal dan il-fatt tal-fidi tagħha. Ejjew għalhekk nitfgħu l-ħarsa tagħna lejn Marija li trid lil uliedha kollha jkunu magħquda fil-għaqda u fl-imħabba; ejjew nintrabtu mal-ankra soda tagħha u t-tama tagħna tkun żgura fi Kristu: "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, Omm Gesù…" (Atti 1:14). Fejn hemm il-Knisja, hemm ukoll Marija!

### *Biblijografija*


BERTETTO, D., *Maria la serva del Signore*, Napoli 1988.

ĠWANNI PAWLU II, Ittra Appostolika, *Rosarium Virginis Mariae*, tas-16 ta' Ottubru 2002.

ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika, *Redemptoris Mater*, tas-7 ta' Ġunju 1987.

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, *Lumen Gentium* tal-21 ta' Novembru 1964.

O'CARROLL, M., *Theotokos. A Theological Encyclopedia of the Blessed Virgin Mary,* Washington – Delaware 1982.

PASSARELLI, G., *L'icona della Madre di Dio, con inno Akathistos*, Milano 1992.

RAHNER, K., – VORGRIMLER, H., *Concise Theological Dictionary*, London $^{2}$1983.

STACPOOLE, A. (ed.), *Mary's Place in Christian Dialogue*, Middlegreen (U.K.) 1982.

ZUFFI, S., *Episodi e personaggi del Vangelo*, I Dizionari dell'Arte 4, Milano 2002.



**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**






Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma mill-Kunsill Lokali tan-Nadur matul dan is-sajf

Jikteb Dr. Chris Said, Sindku tan-Nadur

**Il-Kunsill Lokali tan-Nadur matul l-aħħar tlett xhur kompla għaddej bil-ħidma tiegħu b' aktar proġetti u inizjattivi f'kull qasam.**

Dan wara li fl-aħħar erba' snin fin-Nadur tlestew u bdew jintużaw xejn anqas minn tlett ġonna ġodda (Ġnien il-Kunsill, Ġnien San Blas, Ġnien Ta' Kenuna), tlett *playing fields* ġodda (*Playing Field* tal-Ħali, *Playing Field* fi Triq il-Madonna ta' Fatima, u *Playing Field* f' San Blas), numru ta' belveders , żewġ latrini pubbliċi ġodda (f' Daħlet Qorrot u fi Ġnien il-Kunsill) u aktar minn tletin triq ġew *resurfaced* bit-tarmac.

Il-ħidma prinċipali tal-Kunsill tan-Nadur fl-aħħar xhur kienet tikkonsisti f'dawn il-proġetti:-

### *1. Faċilitajiet Sportivi ġodda*



F'temp ta' ftit xhur fin-Nadur tlestew żewġ *grounds* bil-ħaxix artifiċjali. L-ewwel sar il-*ground* tal-Museum tas-Subien u wara l-*ground* ta' Triq l-Imġarr. Mal-*ground* ta' Triq l-Imġarr barra l-ħaxix artifiċjali saret ukoll sistema ġdida ta' dwal, *kiosks* u boċċi *pitches*. Fil-preżent il-Kunsill għaddej bi trattattivi sabiex jagħmel parti mill-*ground* tal-Iskola Primarja tan-Nadur bil-ħaxix artifiċjali.

### *2. Restawr ta' Postijiet Storiċi*

Bil-kollaborazzjoni ta' Din l-Art Ħelwa tlesta r-restawr tat-Torri ta' Sopu li kien nbena fl-1657 u li kien jinsab fi stat ħażin ħafna. Dan it-torri kien it-torri restawrat fin-Nadur mill-Kunsill Lokali wara dak ta' Kenuna. It-Torri ta' Sopu beda jintuża bħala l-aħħar



waqfa f'mixja għat-turisti fil-kampanja tan-Nadur. Il-Kunsill beda l-preparamenti sabiex jibda r-restawr ta' numru ta' niċeċ storiċi kif ukoll is-salib tal-pjazza prinċipali.

### *3. Klinika tal-Gvern*

Il-Kunsill refa' r-responsabbiltà sabiex ġiet modernizzata il-klinika tal-Gvern fi Pjazza San Pietru u San Pawl u tniżżlet fis-sular ta' isfel biex b'hekk saret aċċessibbli għal kulħadd.

### *4. Latrina Pubblika Ġdida*

Il-latrina pubblika fi Triq it-Tramuntana twaqqgħet u reġgħet inbniet mill-ġdid. Din ġiet modernizzata u saret enfasi kbira sabiex din tkun aċċessibbli għal kulħadd. Il-latrina pubblika ta' qabel ma kienetx aċċessibbli.

### *5. Uffiċċji ġodda tal-Kunsill*



Huma kważi lesti minn kollox l-uffiċċji ġodda tal-Kunsill Lokali li nbnew fi Triq it-Tramuntana. Dan il-bini ser ikun fih l-uffiċċji tal-Kunsill, sala komunitarja, *internet centre* u ċentru ta' informazzjoni għat-turisti. Sal-aħħar ta' Settembru huwa mistenni li l-Kunsill jibda jiffunzjona minn dan il-bini ġdid, modern u aċċessibbli għal kulħadd. Flok l-uffiċċju preżenti tal-Kunsill ser issir librerija pubblika li mistennija titlesta sa Jannar 2007.

### *6. Ftehim ma' Vyshny Volochok fir-Russja*

Wara s-suċċess li kellu l-Kunsill tan-Nadur bil-ġemellaġġi ma' Cicciano u Baveno fl-Italja, f'Lulju sar ftehim ta' koperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, kultura u sports mal-Kunsill ta' Vyshny Volochok fir-Reġjun ta'



Tver fir-Russja. Dan il-ftehim ġie ffirmat mas-Sindku ta' Vysnhy Volochok Mark Khasainov.

*7. Mnarja u Festival tal-Inbid*

Żewġ attivitajiet kbar li tella' l-Kunsill Lokali tan-Nadur matul is-sajf kienu l-Wirja Agrarja fl-okkażjoni tal-festa tal-Imnarja u l-Festival tal-Inbid fi Ġnien il-Kunsill. Dawn l-attivitajiet kienu suċċess kbir b'attendenzi kbar. Il-Kunsill tan-Nadur itella' wkoll il-Karnival popolari tan-Nadur u qed jaħdem biex fl-ewwel jiem ta' Diċembru jtella' l-*Christmas Market* għat-tieni sena konsekuttiva.

*8. Inizjattivi Edukattivi*



Kienu bosta l-inizjattivi meħuda matul dan is-sajf fil-qasam edukattiv. Komplew għaddejjin il-korsijiet fil-*computer* bil-kollaborazzjoni tal-*ST Microelctronics Foundation*. Saru ukoll numru ta' korsijiet oħra – fit-Taljan, *stained glass*, *art attack*, bizzilla u ganutell.

*9. Inizjattivi Soċjali*

Fil-qasam soċjali l-Kunsill kompla għaddej bid-*day centre* tal-anzjani u organizza għal darb'oħra *Child Centre* għat-tfal żgħar matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu. Kompliet ukoll il-ħidma tas-*support group* għall-familji li għandhom persuni b'diżabbiltà.

*10. Fondi mill-Unjoni Ewropeja*

Matul l-aħħar ġimgħat il-Kunsill tan-Nadur ipprepara u ssottometta applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Ġiet ngaġġata wkoll persuna professjonali fil-qasam tal-fondi tal-EU sabiex jgħin lill-Kunsill isib applikazzjonijiet addattati u jlesti wkoll dak kollu neċessarju sabiex japplika meta jkun hemm is-sejħiet.

*11. Xogħol mill-Gvern Ċentrali*



Fl-aħħar xhur il-Gvern Ċentrali kompla għaddej ukoll bi proġetti importanti fin-Nadur. Il-Ministeru għal Għawdex ippubblika t-*tender* għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' diversi toroq fosthom it-triq li twassal minn Nadur sar-Ramla. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma kompliet bl-aħħar fażi tax-xogħol biex jiġi eliminat l-*outfall* tad-drenaġġ mill-bajja ta' San Blas.

*12. Preparazzjoni għall-Proġetti importanti*

Matul is-sajf il-Kunsill kien għaddej ukoll bil-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex (i) ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq l-aħħar fażi ta' riabilitazzjoni tal-barriera tal-Qortin ta' Isopu sabiex tinbidel f'masġar u *picnic area*, (ii) jsiru l-aħħar studji qabel jinħareġ it-*tender* għat-tisbiħ taċ-ċentru tal-lokal; (iii) jibda x-xogħol ta' tisbiħ fl-entratura tan-Nadur fi Triq ir-Rabat u (iv) jkun jista' jibda x-xogħol fuq l-aċċess li jwassal għall-bajja pittoreska ta' San Blas.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press.


# RAYMOND CEFAI

**TAL-KELBA LTD.**

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# *Patri Ġużepp Portelli S.J. (1904-1986)*

## *3. Jinqeda bl-istampa t-tajba*

Parti Ġużepp Portelli ħabb l-art tal-missjoni ta' l-Indja u għalhekk biex iwassal lil Kristu tgħallem tajjeb l-ilsna li kellu bżonn.

Kien wieħed mill-Ġiżwiti Maltin, fost l-aktar li daħlu 'l ġewwa fl-istudju ta' l-ilsien Santali. Kien jaf ukoll tajjeb il-Paħrija, li hu lsien li jitkellmuh razza ta' nies li jgħixu fuq il-muntanji. Hu lsien differenti mis-Santali. Meta l-gvern kien irid jeżamina xi impjegati tiegħu f'dan l-ilsien kien iqabbad lilu kif ukoll kien jagħmel fl-ilsien Santali.

Patri Portelli kien determinat li jitgħallem l-ilsien Santali. Kien għadu fit-teoloġija meta stampa l-katekiżmu bis-Santali. Patri Ġiġi Camilleri jikteb dan fuq il-ħeġġa tiegħu: *"Jingħad li meta xi ħadd kien iħabbat il-bieb tal-kamra tiegħu, l-ewwel kien jisma' ħoss kexxun jingħalaq, u dlonk wara leħen l-iskolastiku Portelli ... "Idħol" u jsibu bil-ktieb tat-teoloġija quddiemu. Darba, wieħed nasabhielu. Fettillu kif daħal fetaħlu l-kexxun, li kif ħaseb kien semgħu jagħlaq. Miftuħ qisu fuq leġiju kien hemm il-ktieb tas-Santali! Il-ħmura li xegħlu biha ħaddejn Portelli kienet l-unika ħaġa li ħabibu fehem kif ried l-art tibilgħu għax qabdu jistudja s-Santali flok it-teoloġija"* (Lill-Ħbiebna, Novembru 1986 p. 156-157). Jikteb: *"Il-kitba Santali kienet għalija bħala side-show meta kont insib żmien mix-xogħol missjunarju u pastorali"* (Lill-Ħbiebna, Diċembru 1973, p.258).



F'Mejju ta' 1946 beda jippubblika r-rivista *"Marsaltabon"* li tfisser "Id-Dawl tagħna" ta' kull xahar, b'kontenut reliġjuż u kulturali b'ilsien Santali. Għenet anki lil xi wħud isibu d-dawl ta' Kristu barra li saħħet fil-fidi dawk li kienu diġà nsara.



Għamel kull ma seta' biex jagħti kotba ta' formazzjoni nisranija bl-ilsien Santali. Stampa l-erba' Evanġelji u l-Atti ta' l-Appostli u l-Ittra lill-Lhud. Xtaq kieku jippubblika t-Testment il-Ġdid kollu iżda minħabba diffikultajiet finanzjarji ma kienx possibbli. Għalhekk il-bqija tat-Testment il-Ġdid deher fir-rivista ta' kull xahar *"Marsaltabon"*.

Kif għedna ħareġ il-Katekiżmu, kotba ta' tagħlim nisrani bl-istampi, kotba ta' talb u kant, ħajjiet tal-qaddisin, siltiet mill-Istorja tal-Knisja u ritwal bil-Latin u s-Santali.

Lejn l-aħħar żmien ta' ħajtu minħabba nuqqas ta' dawl ma setax ikompli f'dan ix-xogħol importanti u kellu jillimita ruħu għal xi artiklu fir-rivista *"Marsaltabon"*.

Jalla dan ix-xogħol ta' Patri Portelli jħeġġiġna biex napprezzaw aktar il-qari bl-ilsien twelidna u nagħmlu kemm nistgħu biex ngħinu fl-istampa t-tajba, konxji mill-fatt li hija mezz biex inwasslu lil Kristu.

***Angelo Xuereb***

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

A Whole New Look
*Sharmain's Styling Salon*
57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236




### *'Min jemmen m'hu qatt waħdu'*

Benedittu XVI telaq mill-Ġermanja, il-Ħamis, 14 ta' Settembru, billi ġabar fil-qosor il-messaġġ ċentrali li ried iħalli lil art twelidu fiż-żjara li beda fid-9 tax-xahar: 'Min jemmen m'hu qatt waħdu'. Għalhekk, fiċ-ċerimonja konklussiva tar-raba' vjaġġ appostoliku internazzjonali ta' dan il-pontifikat, li saret fl-ajruport internazzjonali *Franz Joseph Strauss* ta' Monako, l-Isqof ta' Ruma stieden lill-konnazzjonali tiegħu biex jagħtu xhieda tal-fidi fl-imħabba ta' Alla 'fid-dinja sekolarizzata attwali'.

### *Grupp ta' Lefebvriani jingħaqdu ma' Ruma*

Ħames saċerdoti u seminaristi, il-biċċa l-kbira jappartjienu għall-Fraternità Saċerdotali San Piju X, mwaqqfa mill-Arċisqof Marcel Lefebvre, irritornaw għall-għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika u waqqfu l-Istitut tar-Ragħaj it-Tajjeb. Din is-soċjetà ġdida ta' ħajja appostolika ta' dritt pontifiċju ġiet mwaqqfa fit-8 ta' Settembru f'Ruma. Jagħmlu parti minnha persuni li jridu jiċċelebraw il-liturġija skond ir-rit eżistenti fil-Knisja Latina sas-sena 1962.

### *Iċ-Ċina msejħa tirrispetta d-drittijiet umani u l-libertà reliġjuża*

Fil-qrib tal-Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina, li għandha ssir il-Ħamis, 30 ta' Ottubru f'Peking, il-Parlament Ewropew approva bi 351 vot favur ir-rapport Belder li fih jissemmew il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali, ibda minn dik reliġjuża, li għadhom isiru fiċ-Ċina. Għall-ewwel darba, il-Parlament Ewropew fisser ruħu favur djalogu onest u kostruttiv bejn iċ-Ċina u s-Santa Sede. Talab ukoll aħbarijiet dwar l-isqfijiet fil-ħabs u widdeb l-awtoritajiet Ċiniżi biex jeħilsu l-insara kollha li sa llum huma inġustament ippersegwitati u arrestati.

### *Jikbru l-vokazzjonijiet fl-Oċeanja*

Minkejja s-sekolarizzazzjoni qawwija li tikkaratterizza l-Pajjiżi ta' l-Oċeanja, qed jikber in-numru tal-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja kkonsagrata. Dan ħareġ mit-tmien laqgħa tal-Kunsill Speċjali għall-Oċeanja tas-Segreterija Ġenerali tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li saret f'Suva, il-Gżejjer Fiġi, fl-4 u l-5 ta' Awissu li għadda. Fl-Oċeanja jgħixu 0.8 % ta' l-1,098 miljardi ta' Kattoliċi tad-dinja kollha.

### *Ir-Relazzjonijiet tas-Santa Sede*

Illum hemm 174 Stat li jżommu relazzjonijiet diplomatiċi sħaħ mas-Santa Sede. Ma' dawn irridu nżidu l-Komunitajiet Ewropej u l-Ordni Sovran Militari ta' Malta u żewġ Missjonijiet b'karattru speċjali: il-Missjoni tal-Federazzjoni Russa, immexxija minn Ambaxxatur u l-Uffiċċju ta' l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina, mmexxija minn Direttur. Skond Mons. Parolin, sotto-segretarju għar-rapporti ma' l-Istati, għal issa, is-Santa Sede trid iżżomm l-istatus ta' Osservatur fil-Ġnus Magħquda. Fis-26 sena ta' pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II, in-numru tar-rappreżentanzi pontifiċji għadda minn 107 għal 174, bla ma ngħoddu s-17-il rappreżentanza għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131





# SEJĦA MILL-GWATEMALA

*minn Dun Ġużepp Camilleri*

Ninsabu fil-Gwatemala, pajjiż li jħaddan popolazzjoni ta' madwar 14,000,000 ruħ. Pajjiż ta' ħafna sbuħija naturali, iżda ta' faqar bil-ftit riżorsi li jipproduċi. Il-parroċċa fejn għal dawn l-aħħar 13-il sena wettaqt ħidma missjunarja, tinsab għall-parti orjentali 102 kilometru il-bogħod minn Gwatemala City. Numru konsiderevoli mill-popolazzjoni għadhom iħaddnu l-fidi kattolika, wirt tal-ħidma missjunarja tal-patrijiet Franġiskani Spanjoli. Illum minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet u l-ħafna setet, megħjuna fil-finanzi mill-Amerika ta' fuq, in-nies li jipparteċipaw fil-ħajja sagramentali niżel drastikament.

Iżda l-ikbar inkwiet li jeżisti f'dan il-pajjiż, huwa bla dubju ta' xejn il-faqar. Għal bosta familji, l-faqar huwa sawt li jweġġa', malnutrizzjoni tat-tfal, li ħafna minn dawn ma jilħqux l-età ta' erba' jew ħames snin. Fi ftit kliem, dawn in-nies tilfu kull vuċi fis-soċjetà, huma mneżża' mil-libsa tal-umanità, frott ta' gvernijiet militari li ddominaw fil-pajjiż għal dawn l-aħħar 38 sena. Madankollu n-nies għarfu matul iż-żmenijiet, iħaddnu din is-sitwazzjoni b'tolleranza u rassenjazzjoni kbira.

"Għandna kollox," tisma' min jgħidlek, "għandna lil uliedna, u l-imħabba t'Alla qatt ma naqsitna".

Nitkellem minni, dawn il-kunċetti tal-ħajja ftit jew wisq nifhimhom, għaliex missejnihom u għaddejna minnhom 60 sena ilu hawn Malta u Għawdex, iżda għall-grazzja t'Alla, qatt ma naqsitna l-ħobżna ta' kuljum.

Fil-qosor nixtieq nirrakkontalkom esperjenza ta' dak li qed isir madwarna fil-Gwatemala, sabiex inqajmu u ngħollu d-dinjità tal-persuna, kif kienet tgħid Madre Teresa: "L-aħjar mod li bih inħobbu l-proxxmu tagħna huwa, meta nersqu lejh u nfejqulu l-ġrieħi tiegħu".

## ĦOLMA: ILLUM REALTÀ

Ġurnata minnhom avviċinatni persuna u staqsietni: "Għaliex ma nibnux sptar? Bħal ma taf int," kompliet tgħidli din il-persuna, "il-mewt għandha ħakma kbira fuqna, speċjalment fuq it-tfal iż-żgħar". "Tajjeb kieku" weġibtha, "Iżda min se jidħol għal din ir-responsabbiltà?"

F'dik l-istess ġimgħa mietet omm żagħżugħa. Wara li tat ħajja ġdida lit-tarbija tagħha, mietet waqt li kienet qed tiġi meħudha lejn l-isptar, 50 mil il-bogħod mir-raħal tagħha.

"Qed tara," fil-pront ċemplitli din l-istess persuna li kienet avviċinatni, "kif ħalq il-mewt qed taħkem fuqna?"

Tant ġabitli swied ta' qalb, għal dak li qaltli, li ħassejt li għandu jsir xi ħaġa mill-iktar fis. Il-ġimgħa ta' wara ffurmajna kumitat sabiex naraw x'hemm bżonn jitwettaq. Ilkoll ħriġna bl-istess fehma, li għandu jinbena sptar ġdid.

Tlabna l-permess tal-awtoritajiet ċivili u meddejna ruħna għax-xogħol. Dritt ċempilt Malta, ressaqt l-idea tal-grupp lill-perit Alfred Grech u dan, fi ftit żmien, bgħatilna l-pjanti meħtieġa ta' sptar ġdid.

Bħala grupp, ilkoll konna qalb waħda. Xtrajna l-art, poġġejna l-ewwel ġebla, illum wara tlett snin il-ħolma saret realtà. Illum għandna sptar kbir li jħaddan fih 75 sodda għall-kbar u 25 sodda għat-tfal.

Fadal ħafna xi jsir u neħtieġ wisq affarijiet, sabiex dan l-isptar ikompli jwettaq ħidma favur is-saħħa u jinżamm tajjeb.

Dan kollu għamilnih u nkomplu nagħmluh, sabiex intaffu ftit mill-miżerja u mit-toqol tal-ħajja, li fija jgħixu ħutna l-bogħod minna. Għelibna ħafna diffikultajiet, u fuq kollox, il-għajnuna ta' tant benefatturi Maltin u Għawdxin qatt ma ġiet nieqsa. Illum in-nies tal-post qed igawdu sptar ġdid. Ħolma li llum saret realtà.

*(Tixtieq int toffri l-għajnuna tiegħek, sabiex dan l-isptar, ikun ta' servizz għall-foqra? Ikkontattja lill-familja ta' Dun Ġużepp Camilleri: 28, St. Zachary Str., Xewkija jew lil Charles u Lina Thake: 160 "Victoria" Fleur De Lys B'Kara).*



*Għawdxin li għadna niftakru - 36* *Minn Pawlu Mizzi*

# DUN PAWL TA' L-ORATORJU

Minn dik l-ewwel darba li lil dan Dun Pawl rajtu fl-oratorju ta' Strada Karità ma warrabtu qatt minn quddiem għajnejja. Għadu f'moħħi qisu l-bieraħ. Don Bosco ieħor! Mdawwar b'geġwiġijiet ta' tfal. Kollha ferħanin, u b'idejhom 'il fuq iggranfati fih. Bħal tal-Missjoni. Kollha jaqbżu u jgħajtu: *'Aw, zijew, aw, lilej lilej ... aw aw, ussa lilej! ... lilej! ... lilej !'*

U Dun Pawl bil-borża tat-tofi kważi vojta. Jgħidilhom bil-kalma: *'Ussa, lek! ... wiħit, wiħit! Kulħatt jiħow! ... wint, ktinbutta ... ent, lilik ket nejt tal-putroj ... mantojkx!'*

U jidħak! U kultant iwaddab fl-ajru ponn wara ponn ta' tofi. Min laħaq laħaq! Jien kont matnazz dak iż-żmien. Boċċa ħdejn il-ġganti tal-Patri u ta' Melħa. Kif lemaħni, imma, fuq wara nipprova nlaħħaq magħhom u ma nistax, iktar daħak. Mbagħad feraq bl-herra 'l dawk ta' quddiemu sa ma wasal ħdejja, ġibidni mill-flokk, u qalliom: *'Ħallewħ ħa jakbat waħde ussa!* Mbagħad dar fuqi u qalli: *'Ent rikit? Ax pkojt flaħħar?'*

U tafagħli ponn ħelu taż-żambur f'ħobbi. Ħassejthom keshin u tgħidx kemm tgħarraxt sa ma niżlu u waqfu mal-qafla tal-qalziet. Dak il-ħin tgħawwiġt u dħakt. U tgħidx kemm immutetjajt u qbiżt mat-tfal l-oħra wara.

X'ħin wasalt lura d-dar, imma, u ommi ratni bi ħwejġi sintina u b'dak l-aħmar taż-żambur imċappas ma' qaddi kollu, riedet toqtolni. *'Fej murtu?'* qaltli. U qabdet fija u qalgħetli l-flokk minn rasi qisha qed tqaxxar fenek. U tgħajjat waħda f'waħda: *'Ta' lewwil u ta' laħħar! Ma tmurrux żgowr żgowr aktar!'*

U ma' kull kelma, b'għajnejha, kieku setgħet, kienet tinfidni bihom. U tgħid u tbarqam: *'Do fej murtu? Do muxx l-uraturju murtu? ... U do laħmar xinew!'*

Jien lanqas lissint kelma. Bqajt sieket u kwiet bħal baqqa.

*'Tamil seww ent ma titkellemx!'* reġgħet qaltli. *'Ta' lewwil u ta' laħħar!'* U tgħid u tgerger. U togħrokni għarwien ħuta b'sapuna ħadra u bl-ilma kiesaħ minn rasi sa saqajja.

*'Iff! Dir-riħa!... Mela murtu ħdej el-bakar!'* qaltli ħin wieħed ixxammam u tqarras wiċċha. U timbuttani 'l bogħod minnha għal taħt il-vit tal-banju.

Ma ninsihiex dik ix-xenata!

Dak l-oratorju tassew kien riħa ta' baqar! Kien il-maqjel ta' Franċ tal-Likk. U allavolja Dun Pawl kien ħaslu u tefagħlu ma nafx kemm purfum u wara barxu u bajdu, xorta baqa' bir-riħa ta' barrin.

L-għada ta' din l-istorja ħaditni hi stess l-oratorju. U miegħi lil ħija. Konna qisna il-Gavrosch ta' Sciortino. Hi ġġebbed 'il quddiem u aħna mitluqin lura, wieħed kull naħa tagħha.

Kif rana Dun Pawl tbissem. Imma baqa' fejn kien ma' Dun Ġużepp il-Malti. Bħas-soltu mdawrin bit-tfal. Għax huma t-tnejn biss għall-bidu kienu jieħdu ħsieb id-duttrina f'San Ġorġ. Mbagħad Dun Pawl dar fuq ommi u qallha: *'X'tifil bruvu andik! Il bireħ ma qalx waħde ħażine!'*

Jien bqajt inħares lejh.

'Dan qed jibdilni!' għedt f'qalbi. 'Mela jien għidtlu xi ħaġa l-bieraħ?' staqsejt lili nnifsi.

U, kif rani skantat inħares lejh, ġibidni mill-komma tal-qmis w imbuttani fuq it-tfal biex immur nilgħab.

Minn dakinhar ommi ma fallietli qatt l-oratorju. La lili u lanqas lil ħija. Minkejja li mill-oratorju xorta bqajna dejjem niġu lura d-dar bir-riħa tal-baqar!

Kien dan Dun Pawl ta' tfuliti. Qassis lest jagħtik qalbu, anke jekk goff fil-manjieri tiegħu. Qassis tal-kampanja kif jiddiskrivih il-Manzoni. Rozz fi kliemu imma jifhmek u jagħdrek. Fuq kollox qaddis. Għalhekk, aħna konna ngħidulu 'ziju' u niġru nbusulu idu. Kif, fl-aħħar mill-aħħar, kienu jagħmlu ħafna tfal. Hawn Malta u fi Sqallija. U, anke f'xi rħula fi Spanja, fejn il-qassis kien għadu l-għożża tal-komunità.

Dun Pawl kien tassew għażiż għalina. Kien hu li ġabarna mit-triq u tana l-isbaħ edukazzjoni. Min bħali għex it-tletinijiet jiftakarha t-triq. L-iktar filgħaxija wara l-iskola. Arena tat-tigri. Niġru u nagħtu fuq xulxin. Ma nafux x'sa nagħmlu. Hekk konna 'nilagħbu'. Jew ta' mistaħbija jew pulizija u ħallelin. Infittxu l-periklu u ma' min nistgħu niġġieldu. Fi triq kollha stoffi, mimlija ħmieġ taż-żwiemel u b'għadajjar ta' ilma maħmuġ qiegħed ħiereġ mill-irziezet tal-qrib. Xeni li ma ninsihomx.

Dun Pawl, imma, ma ġabarx lili u lil ħija biss. Kien ġabar lit-tfal tar-Rabat kollu. Dawk ta' fejn Sant Wistin u ta' fejn San Franġisk. Anke ta' fejn Savina kienu jiġu. U tat-Tiġrija u ta' wara s-sur. Niftakar liċ-Ċimellijiet jiġu minn Ta' Għammiesa u lil tal-Merguli minn Wara ta' Gidrin. Fl-oratorju ta' Dun Pawl kien hemm post għat-tfal kollha. Anke għall-bniet. Minkejja li l-mara lanqas kienet għadha ħolmot bl-emanċipazzjoni tagħha fis-soċjetà tagħna. Fl-oratorju Dun Pawl kien bexxaq il-bieb għalihom ukoll. U kienu jiġu tfajliet inaddfu – Ġina taċ-Ċaki, niftakar, u tal-Paternoster, u Agta taz-zija Marċella – barra xi nisa oħra xebbiet u miżżewġa, bħal Marija tal-Piżatur, Charlotte u 'l Rita ta' Gerit. Min iħejt il-purtieri u min jagħmel il-vestwarju tat-tijatrin.

Dun Pawl kellu viżjoni wiesgħa ta' l-edukazzjoni tal-massa. Ħafna iktar lil hemm minn dik tad-Direttur Laferla. Dun Pawl, bħal Don Bosco, kien jemmen fl-edukazzjoni tal-ħin liberu. Fil-logħob, fil-palk, u fil-qari. F'kull attività li tbiegħed iż-żagħżugħ mill-għażż. Kien iffissat fl- 'edukazzjoni priventiva' kif kienu jsejħulha s-Salesjani.

Għalhekk, mill-oratorju t-tfal qatt ma kienu jonqsu. Minn qabel l-ewwel tqarbina meta kienu jiġu għad-duttrina! Kollox bl-amment. Skond il-katekiżmu ta' Uzzinu. Mistoqsija u tweġiba: 'Min ħalqek? Ħalaqni Alla. Għalfejn ħalqek Alla?

Alla ħalaqni biex nagħrfu, inħobbu u naqdih u wara dil-ħajja mmur nitħenna bih fil-ġenna għal dejjem.'

U sa meta nagħmlu l-Griżma konna nibqgħu sejrin b'dil-kantaliena. Konna nagħmlu gara kważi kull xahar. U ntellgħu fuq il-palk disputi fuq punti jaħarqu mid-duttrina. Bejn il-kbar u ż-żgħar. Kollha, imma, kitba u produzzjoni ta' Dun Pawl.

U kuljum nispiċċaw bir-Rużarju. Kif kienu darrewna n-nanniet. U quddiem xi xbiha tal-Madonna. *'Ax ekk en nisrunoj,'* kien jgħidilna. *'Me jaddejx minojr lajnune teħħe'*.

Kien raha f'ħolma dix-xorta ta' ħajja. Imma, lil ħadd ma kien qal biha sa ma kiber. Għax, bħall-bdiewa, kien fommu sieket. Darba, imma, meta daħal is-Seminarju, fetaħ qalbu ma' wieħed minn sħabu. Qallu li darba ħolom li ra f'għalqa kbira ħafna barrin u baqar. Jiġġieldu u jitqatlu bejniethom. Min jirromba u min ifajjar biż-żewġ! Ġie sinjur u qallu: 'Dawn slavaġ għall-biċċerija tajbin!' Mbagħad, ġiet mara sabiħa. Kif rawha waqfu u mmansaw bħall-ħrief. Mbagħad niżlet fejnhom u taħhom moħriet. Mbagħad għebet u l-art imtliet bil-ward!'

Dil-ħolma baqgħet tberren f'moħħu għal ħafna żmien. U sar qassis u sagristan maġġuri f'San Ġorġ. U waqqaf il-Paġġi tas-Sagrament u għamluh viċi-parroku. Ix-xbiha ta' dik il-mara s-sabiħa, imma, ma marret qatt minn quddiemu.

U maż-żmien, għal Dun Pawl dik il-ħolma ma baqgħetx biss illużjoni jew kif kien iħobb isejħilha hu *'tewdejn te mejn hew belġewħ'*. Saret sejħa. Programm ta' ħajtu!

Dun Pawl kien umli, wild il-bdiewa. U bla pretenzjoni. Bħal ħuh Karmenu. Minkejja li sar avukat u Ministru ta' l-Agrikultura baqa' ma tkabbarx. Tal-Barkuna kien u tal-Barkuna baqa'. L-umiltà kienet id-dinja tagħhom. Dinja taż-żgħar kemm tridha. Imma dinja fejn ħadd la kien jikber u lanqas jitkabbar .

Inħossni nonqos, għalhekk, jekk lil dawn tal-Barkuna ma nsellmilhomx għal għemilhom. Kienu huma fost ta' l-ewwel li fetħulna l-bieb għat-tagħlim tal-Malti. Bħal Vassalli kienu konvinti li bla Malti 'ma stajniex naqtgħu l-ktajjen ta' l-injoranza'. U bla ma fettxew l-interessi tagħhom meddew għonqhom għal kulma kien meħtieġ. Dun Pawl fil-qasam pastorali, l-avukat f'dak politiku u soċjali. It-tnejn, imma, b'ħerqa għall-Malti.

Ma kinux, imma, jaqblu għal kollox ma' Vassalli. Vassalli kien iżomm li l-Malti kien djalett Għarbi. Dun Pawl u ħuh l-Avukat kienu tal-fehma li l-Malti kien l-istess ilsien li bih in-nies kienu jitkellmu n-nies fix-xlokk ta' Sqallija sas-seklu XIII.

Din it-teżi tiegħu fl-1930 l-avukat Micallef kien tenniha fil-beraħ mal-Kummissjoni Rjali. Kien l-aqwa Orjentalista dak iż-żmien u fl-1936 meta applika għall-kap tal-Katedra tal-Malti fl-Università kien offra vantaġġ ta' 80% lil kull min kien sa jersaq miegħu. It-teżi tiegħu, imma, ma daqqitx tajjeb għal widnejn il-politikanti imperjalisti u twarrab.

Fit-tletinijiet il-ġlieda għat-tagħlim tal-Malti kienet waħda tal-biża'. Ġlieda stramba tħares lejha minn għajn politika. It-tliet partiti rieduh il-Malti. Kull wieħed, imma, kif kien jaqbillu. In-nazzjonalisti bl-alfabett Latin. Biċ-'ch' għall-'ke' u bis-'sc' għax-'xe'. Kollox kif issuġġeriet l-*Associazione Filologica Maltese* fl-1845. Biex minnu jiġi mgħallem it-



Taljan. L-istriklandjani rieduh bl-alfabett tax-Xirka Xemija. Għax, fil-fehma ta' Strickland, il-Malti kien Puniku u għalhekk il-Maltin ta' l-istess razza ta' l-Ingliżi. U l-Laburisti bl-alfabett fonetiku ta' l-Għaqda biex kif qal Boffa, il-Maltin jiktbuh b'iktar ħeffa.

Dun Pawl, bħal ħuh l-avukat, kien jaħsibha differenti. Għalih il-Malti la kien Taljan, la Għarbi u lanqas Puniku. Kien lingwa bħalhom, imma, bi grammatika għalih u b'regoli speċifiċi għall-ortografija tiegħu. Lilu kont nistaqsi f'xi diffikultà fuq l-'għ'. *'Dejk,'* kien jgħidli, *'tiġbit maħħa el vukuloj telleħin.'* Ma kont fhimt xejn. *'Flimperattojf, kabil l-'ajn'*. *Pħal* agħmel. *U fel perfett, wara l-'ajn'*. *Pħal* għamel.'

Ma rridx ngħid li f'Għawdex ma kellniex qassisin oħra li kienu jħobbu l-Malti. Biżżejjed insemmi lill-Monsinjur Luigi Vella. Ir-rumanzi tiegħu kienu fost l-isbaħ fil-"Ċotba tal-Mogħdija taż-Żmien". *Nikol Għabdul* wieħed minnhom. Jien kont erġajt ħriġtu fil-Klabb Kotba Maltin u ftit wara ntgħażel għall-Matrikola. U bħall-Monsinjur Vella kien hemm Monsinjur Farrugia tal-Vers u l-Arċipriet Hili. U Dun Ġużepp ta' Ġojjosa li kien qaleb għall-Malti l-istorja ta' Għawdex ta' Agius de Soldanis.

Dun Pawl, imma, kien jgħaġġbek. Kien istruwit f'elf ħaġa oħra barra l-Malti. Fit-tipografija, disinn, bizzilla, rakkmu, skultura fl-injam, u ferrobattuto fost oħrajn. U f'kollha mgħallem. Mhux l-ewwel darba li hu u oħtu kienu jiġu mqabbda jagħmluha ta' *judges* fil-wirja agrikola meta kienet issir fl-iskola tal-Gvern tal-Vajringa.

Fl-oratorju Dun Pawl kien imidd idu għal kollox. Ma kien qatt jgħid le jew m'għandix. U lanqas qatt jaqta' qalbu quddiem il-problemi. Għalih, basta dak li jagħmel ikun ta' ħtieġa. Kien jivvinta x'sa jagħtihom lit-tfal jew x'sa jagħmlilhom biex jilagħbu. Kien ġennen lil kulħadd bid-dramm *Ir-Rebħa ta' Domenico Savio*. Kbar u żgħar.

U kif beda jara li t-teatru qed jiċkien u l-klassijiet tad-duttrina

ma kenux biżżejjed għat-tfal kollha, minn Strada Karità morna fi Strada Pietà (illum Mons. Farrugia) f'dar ikbar fil-bidu ta' l-isqaq tal-ġiżimin.

It-tfal kienu jtiru għal dan l-oratorju. Ġie li wara l-iskola lanqas id-dar ma kienu jmorru. U min kien imur, bilkemm kien jirfes l-għatba li ma jitfax il-basket wara l-bieb u jaħrab lejn l-oratorju. Lil Dun Pawl din il-ħerqa kienet imlietu tama. Jarana taħt djulu kienet l-hena tiegħu. Anke jekk konna qisna għefiered ngħaddu min-naħa għall-oħra tiegħu nilgħabu ta' daqqa ċieda.

Darba ma korrejniex b'miraklu! Għadni narana niġru wara xulxin fis-setaħ! Nimbuttaw u naqgħu. U nerġgħu nqumu qisu qatt ma kien xejn. U ngħaddu minn fuq xulxin mingħajr ħsieb ta' periklu. U waqgħu l-balavostri għal isfel u lanqas biss ħadd minna ma nduna. U bqajna niġru u nilagħbu. Jien kont isfel fil-bitħa. Ma' tfal oħra. Niġru u naqbżu fuq xulxin bħall-oħrajn. L-inqas ħsieb x'sata' ġara. Ngħajtu u nwerżqu. Xi żgħażagħ, imma, li kienu qed jaraw kollox mill-ġenb u lemħu l-balavostri niżlin għal isfel, għalqu għajnejhom bil-biża'. Stennew li jweġġgħu ħafna tfal. B'xorti tajba, imma, fejn waqgħu l-balavostri ma kien hemm ħadd. U kif għadditilhom id-dehxa wieħed lill-ieħor qallu: 'Mnalla kien dak il-qassis li fetaħ idejh għax kieku traġedja kbira kienet tiġri!'

X'qassis kien jew min kien dal-qassis għadu sallum misteru.

U t-tfal insew u kif bdiet il-gwerra komplew jiżdiedu. Aktarx bit-tfal tar-refuġjati minn Malta. U Dun Pawl reġa' sabilna dar oħra ikbar. Did-darba lejn in-naħa ta' Sant Wistin.

Kienet dar b'żewġ sulari: intrata, bitħa u żewġt ikmamar, isfel; u setaħ b'erbat ikmamar, fuq. Għal Ġanduwa, ix-xiħa li kienet toqgħod fiha, kienet ideali. Għal dawk it-tfal kollha ta' l-oratorju, iżda, kienet nieqsa minn elf kumdità. Fosthom sala tat-tijatrin. Xejn, imma, ma kien problema għal Dun Pawl. Bl-għajnuna ta' wieħed mill-imgħallmin tal-Qanfuda niffed tnejn mill-kmamar ta' fuq u f'ġimgħa kaħħalha, għamlilha palk bis-separju u b'liżar taċ-ċini.

Il-palk għal Dun Pawl kien il-maxtura tal-ħajja. L-għajn ta' kull edukazzjoni! Ma naħsibx li kien qatt qara l-Pirandello. minkejja li bħalu kien jemmen li fuq il-palk titgħallem timxi u titkellem. Forsi, għalhekk, ukoll kien iriedna nirreċtaw karattri differenti. Daqqa ta' tirann u daqqa ta' kumparsa. U kien jirtukkjana b'tapp tas-sufri maħruq. Elf ħaġa oħra kien jagħmel għall-palk. Sa jikteb drammi u kummiedji hu stess. Jew jittraduċi bil-Malti minn oħrajn li Toni tagħna kien iġib mill-Italja.

Min jaf tul dawn l-aħħar sittin sena kemm nies iddevertew minn dan il-palk ta' Dun Pawl! Ħaqqhom tassew ħajr l-atturi tiegħu. B'mod partikolari t-triju Cremona, Mizzi u Scicluna! Kien ħaqqhom rikonoxximent. Nifirħilhom minn qalbi u magħhom lis-sindku tar-Rabat, Robert Tabone, li onorahom bil-medalja 'Ġieħ il-Belt Vittorja'.

Taqbadni nostalġija niftakar f'dak l-oratorju ta' Ġanduwa. Fl-ewwel tim tal-futbol tagħna: ta' Sufa, ta' Frellillu, ta' Xaqqaq, aħna tal-Manan, il-kuġini taz-zija Marċella, il-Kaptanijiet u oħrajn. Il-futbol ukoll prodott ta' Dun Pawl. Miegħu waqqafna s-*Salesian Youths*. Fil-kamra ta' fuq l-intrata. Kien hemm magħna hu. Anzi kien hu li ssuġġerixxa li nilbsu ger isfar, kulur tal-Papa. '*Ox*,' kien qal, '*kaħne fkillix mijew, fel futbol ox maħnix tijew?*'

U kellu raġun. Fid-dell tal-bandiera tiegħu konna kbirna: mill-maħżen tal-Likk sad-dar ta' Ġanduwa. U minn fil-għodu sa fl-għaxija nkantaw l-innu tiegħu: 'Għalxejn l-għedewwa jridu/iġarrfu l-ħitan/tal-Belt mqaddsa tiegħek/il-Belt tal-Vatikan.'

L-oratorju dak iż-żmien kien tassew kiber ġmielu. U kienu jiġu ukoll qassisin oħra mill-Kattidral u minn San Ġorġ! Kollha bl-imħatra min sa jagħtih l-aħjar daqqa t'id lil Dun Pawl. Jispikkaw fosthom Dun Tarċis, Dun Ġwann tal-Badiku, u Dun Karm tal-Kaċċatur. Sa l-Isqof Pace kien jiġi jarana.

Darba Dun Pawl qallu: '*Ox mattiniex doċ-ċimitirju?*'

Lill-isqof ħasdu.

*'Xtambojh!'* reġa' qallu. *'Muxx aħjor grawnd tel ħajjejn millej dor tel mejtejn?'*

Daċ-ċimiterju kien fl-istess triq ta' l-oratorju. Faċċata tiegħu. Dari konna ngħidulu 'iz-zuntier ta' fejn Sant Wistin'. Kien antik. U ma kien iservi għalxejn ħlief biex tirgħa fih il-ħmara ta' Pettu.

L-isqof, għalhekk, ma qagħadx jaħsibha. U bl-għajnuna ta' l-avukat Pace ta' tas-Sliema li kien politikant għal Għawdex mad-D.A.P., l-oratorju tela' kif xtaq Dun Pawl: belt żgħira tat-tfal għat-tagħlim tad-duttrina, b'teatru modern u bi grawnd. Fuq kollox, imma, bil-kappella. Għax għal Dun Pawl l-ebda oratorju ma kien komplut mingħajr Ġesù Sagramentat.

Ix-xitan, imma, ma ħamilx. F'April ta' l-1946 ċediet parti mis-saqaf tiegħu. B'xorti tajba dak il-ħin it-tfal kienu d-dar imsammrin mar-radju jisimgħu l-logħba Italja/Ingilterra. U, ħlief Spiru tal-Piżatur ma weġġax. U lanqas kien hemm ħafna ħsara. U x-xogħol baqa' sejjer sa ma l-oratorju nfetaħ.

U ġew is-Salesjani, u magħhom kull opra oħra ta' Don Bosco. Post Dun Pawl, imma, ma ħadulu ħadd. U hu u l-oratorju saru sinonimi. Issemmi l-wieħed jiġi f'rasek l-ieħor.

Fil-bidu ta' l-1956 saħħet Dun Pawl kienet bdiet tonqsu u ma baqax jiġi bħas-soltu l-oratorju. It-tfal, imma , ma nsewhx. Ħafna kienu jmorru għandu wara San Franġisk.

Anke jien darba kont mort narah. Saqajja tqalu jiena u tiela' t-taraġ. U, fil-veru sens tal-kelma, ibbiesu kif dħalt fil-kamra tiegħu. Kien fuq sodda ta' l-istrippi, b'mitraħ tal-ħaxixa biss taħtu. Fil-ġenb fuq mejda Madonna b'lumina tixgħel quddiemha. U 'l hawn u 'l hinn flok siġġijiet, kaxxi tal-birra. Sibt ħdejh oħrajn. Kulħadd mutu. Mbagħad, leħnu kemm kemm jinstama, lil Ġorġ ta' Xmun staqsih fuq l-*Occhio di Falco*. U lil Fr Mangion għal Ġużeppi ta' Majsi. Ħadd, imma, ma kellu l-kuraġġ jikser dak is-skiet.

Jien ukoll bqajt sieket inħares lejh. Sthajjiltu qed jirrakkonta fuq Don Bosco. Fuq ommu Margarita f'Bechi. U fuq Garelli fis-sagristija tal-Consolata. Kif minn dik is-sagristija ma' Don Cafasso bena katina ta' oratorji oħra mad-dinja kollha.

U magħhom l-oratorju tagħna. Dak li bena Dun Pawl!

Kienet qisha qed terġa' tfeġġ quddiemi l-ħolma tal-bhejjem. Kullimkien barrin u baqar. U l-mara s-sabiħa magħna titbissem!

X'ġenna ta' ward kellu madwaru Dun Pawl dak il-ħin!

***Pawlu Mizzi***

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn George N. Cassar

# IT-TQASQIS U S-SEKSIK U S-SEFSIF FIL-WIDNEJN



**Sa ftit tas-snin ilu, f'Marsalforn kien għad hemm ċint baxx tal-konkos, ta' xi għoxrin metru tul, li xi Għawdxin kienu laqqmuh : 'L-Imqass'. Jgħidu li bosta minn dawk li matul il-btajjel tas-sajf kienu jintasbu fuqu kellhom delizzju speċjali : dak li jqasqsu fuq in-nies. X'aktarx l-ewwel li jlaqqtuha kienu dawk li jgħaddu jippassiġġaw minn quddiemhom; jekk ma jeħdux ħasla minn fuq s'isfel, xi vot jaqilgħu żgur.**

'L-Imqass' spiċċa u mar u maġenbu nbena l-belveder imma s-seksik u s-sefsif fil-widnejn ma qatax. Ngħiduha kif inhi, is-sindikajr issibu kullimkien, anki f'pajjiżi ferm ikbar minn tagħna. Imma f'komunità żgħira fejn kulħadd jaf lil kulħadd, bir-razza u r-radika, id-doża tat-tqasqis tkun qawwija ġmielha; hawnhekk forsi ma tantx ikun hemm x'tara, imma x'tisma' ikun hemm kemm trid, novelli u rumanzi sħaħ. Għax tagħmel x'tagħmel, dejjem ħa ssib min jgħid fuqek. U wara dahrek, flok itaptpulek, b'sinjal ta' ħbiberija, x'aktarx li jballtulek kemm jifilħu. Dil-verità joħrogħha Oliver Friggieri, b'niskata ironija, f'dal-ħajku li ġej:

> *"Iġġorr salibek.*
> *Fit-triq ħa ssib lil ħafna*
> *jerfgħulek biċċa."*

## *Min huma s-seksieka ?*

Is-seksik m'huwiex ħlief vizzju. Il-kittieba ingliża George Eliot - (meta kont student kont naħsibha raġel ) - is-seksik u t-tpaċpiċ xebbħitu mad-duħħan li joħroġ mill-pipa maħmuġa ta' min qed ipejjep. Naturalment, l-aktar li jiċċappsu bih dawk li x'jagħmlu m'għandhomx. Arahom, ras imb-ras, fuq bank il-għażż, ipaċpċu fil-vojt u jerfgħu salib in-nies; sa l-arblu tar-razza jerfgħulhom. Ikolli ngħid li ż-żgħażagħ dal-vizzju ma jagħmilx bihom. Moħħhom x'aktarx ikun għadu ingranat fuq l-istudju u l-logħob, fuq il-moda u n-namur. Hawn min jgħidlek, ma nafx kemm hu minnu, li l-akbar għadd ta' seksieka ssibu fost ulied Eva. Waħda li tħobb ittaqtaq fuq il-proxxmu, il-Malti jpinġihielek b'erba' kelmiet : "Quddiemek mara, warajk imqass". Għax tgħid, ilsien il-mara, dak ta' nisel malti, ilu li ħa fama ħażina. Kulħadd jaf biha l-ħrafa ta' fejn spiċċa l-velenu tal-lifgħa li qabdet ma' id San Pawl...

Bla dubju, is-seksieka m'humiex kollha pezza waħda. Issib il-kurjużi li għalkemm jinfexxu jreddnu fuq il-proxxmu, dan ma jagħmluhx bi skop ħażin. Meta jiltaqgħu s-suq jew il-każin, xi kelma bejniethom iridu jgħidu. Billi l-ħażna kulturali x'aktarx tkun tmiss il-qiegħ, l-iktar suġġett ħafif u għal qalbhom ikun il-proxxmu, b'għawaru b'kollox. Xi drabi jiġik id-dubju jekk isirux jafu b'dak li qed toħlom bih bil-lejl. Mbagħad hemm dawk ta' intern ħażin; ilsienhom tal-labar. Dawn, flok iħarsu lejn xturhom u jilħqu għassthom, iberrqu għajnejhom lejn ħaddieħor; il-gost tagħhom jitkażaw b'dik u bl-oħra u jxandruhom ma' l-erbat irjieħ. Jinsew it-travu li ċanfarhom Kristu bih elfejn sena ilu. Xi wħud imorru iktar 'il bogħod. Arahom jitfgħu dell ikreh fuq dak li jkun u jħammġulu l-fama li jkun igawdi. Ma jarawhiex bi tqila jgħawġu l-fatti. Id-daqsxejn ta' storja li jkunu semgħu jżidulha ċfuf kemm jifilħu, u mbagħad, aktar ma tikber ix-xniegħa, aktar il-kobba titħabbel

sakemm l-anqas dell il-verità ma jibqa'. Fi żmienna, dawn ix-xnigħat u d-diċeriji mhux biss tismagħhom imma ġie li taqrahom ukoll. Issib gazzetti li jaqgħu fil-baxx. Minn ġebla waħda, korrispondent kapaċi jibnilek sur, u aktar ma l-persuna li tiżżeffen tkun tgawdi pożizzjoni għolja fis-soċjetà, aktar isir kapital minnha.

### *Meta tkompli mas-seksieka*

Min jagħti widen u jkompli mas-seksieka, bla dubju jkun qed jitgħabba bil-ħtija.

Tassew li hawn min hu mazzun, jibla' kulma jgħidulu, u mbagħad, flok jidfnu ġo fih, tiġih it-tentazzjoni jgħaddih lil ħaddieħor. Forsi jibża' li l-kelma li sama' sa toqgħodlu fuq l-istonku u jkollu jikkriepa biha; jew għandu mnejn issibu jirraġuna li l-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn. Qajla jiġih f'moħħu li dak li jkun qed jingħad x'aktarx ikun ħareġ minn għajn waħda, għajn imdardra. Min hu tassew galantom, lis-seksieki jaqtagħlu fil-qasir u jinjorah. Mbagħad hemm il-vittma. Hawn min kelma tħarbatlu ħajtu, u għandu mnejn ma jkunx jista' jiddefendi unuru. Mill-banda l-oħra ssib min għandu ġilda ħoxna u jkun jiflaħ għat-tingiż. Jistqarr bla tlaqliq li huwa jaqa' u jqum minn dak li jgħidu fuqu n-nies. U jgħidhielek bil-qalb: "Dak li jingħad warajja, nistmah f'saqajja". Wieħed ħabib tiegħi li m'għandux ħajta f'ilsienu, qalli fejn jistmah dak li jingħad warajh; biex ngħidha bil-pulit, fuq in-naħa ta' wara fejn ma jarax xemx.

Tagħti kas jew ma tagħtix, xniegħa falza dejjem ħa tħalli xi ħsara warajha, ħsara li mhux la kemm issewwiha. Niftakar fi storja ċkejkna li smajtha f'żgħożiti f'waħda mill-priedki tar-randan. Mara seksieka marret tqerr ix-xniegħa li qalgħet fuq il-ġara. Bħala tewba, il-konfessur qalilha xi ħaġa hekk: " Stenna ġurnata bir-riħ, aqbad tiġieġa, itla' fuq il-bejt, nittifha u tajjar rixha minn hemm fuq. Mbagħad inżel, dur dawra mar-raħal u iġbor ir-rix li tkun xerridt. Ir-rix għandek imnejn tiġbru," spiċċa jwiddibha l-konfessur, "imma l-fama tajba li kellha l-ġara niddubita kemm tista' tiġborhielha."

***George N. Cassar***



GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

The Photoshop
Max Xuereb
1hr Photos
135 - APS - Digital
Prints from floppy, zip, CD, memory stick, smart/compact flash card, SD/XD cards, etc...
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.
Tel: (+356) 21557555, 21563403
Fax: (+356) 21560141
Mob: (+356) 99490588
Email: kaiser@maltanet.net
www.photoshopmalta.com



# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

**(IS-SEBA' PARTI)**

## L-Invenzjoni ta' l-Istetoskopju (1816).



Irridu niftakru li sa dak iż-żmien it-tobba ma kellhomx strumenti biex jeżaminaw lill-pazjenti bihom. L-istetoskopju kien ivvintat b'aċċident fil-1816 minn tabib Franċiż żagħżugħ **Rene Laennec**. L-istorja kienet hekk. Waqt li dan it-tabib kien jagħmel il-viżta tal-morda mal-professur, kienu waslu ħdejn pazjenta li tant kienet ħoxna, li meta t-tabib Laennec kien mġiegħel jeżamina l-qalb tal-pazjenta, huwa sempliċement ma setgħax ipoġġi widnejh fuq qalb il-pazjenta! B'kumbinazzjoni dan it-tabib kellu numru ta' karti twal f'idu. Huwa rambal dawn il-karti forma ta' tubu u poġġa dan it-tubu fuq sider il-pazjenta u għamel widnejh fuq in-naħa ta' fuq tat-tubu. B'għaġeb kbir tiegħu huwa sema' l-qalb tal-pazjenta tassew ċar! Dan kien il-bidu ta' dan l-istrument sempliċi li biddel kompletament il-prattika tal-mediċina. Permezz ta' l-*istetoskopju* tiegħu Laennec iddeskriva l-ħsejjes diversi li jinstemgħu f'numru ta' mardiet tal-pulmuni bħal *bronkite*, *pneumonia* u t-tuberkolożi. Wara bdew ġejjin strumenti oħra li kabbru l-ħila tat-tabib biex jagħmel il-famuża djanjosi. Wara l-1860 kien ivvintat t-*termometru* biex tikejjel it-temperatura tal-ġisem u anke l-apparat li bih titkejjel il-pressjoni. Dan l-apparat jissejjaħ *sphygomomanometer,* kelma li ġejja mill-grieg *sphygmus* (polz) u il-kelma xjentifika *manometer* (meter tal-pressjoni). Oriġinarjament l-apparat kien ivvintat minn **Samuel Siegfried Karl Ritter von Bosch** u kien modernizzat minn **Harvey Cushing** fl-1901. Fl-1895 kellna l-invenzjoni tal-*raġġi X* u issa t-tabib kellu mezz ġdid biex ikun jista' jittawwal fl-intern tal-ġisem. Minkejja li dawn l-instrumenti kienu ta' għajnuna kbira għat-tobba, il-prattika tat-tabib ħdejn is-sodda tal-marid baqgħet l-iktar kapaċità li jista' jkollu tabib. It-tabib għandu jħares lejn il-marid bħala bniedem. It-tabib mhux lill-marda biss irid jikkura imma lill-persuna b'dik il-marda! Tabib famuż Kanadiż **William Osler** (1848 – 1919) kien qal: *"Tabib tajjeb jikkura l-marda, imma tabib aqwa jikkura l-pazjent".*

## Il-Prattika tal-Mediċina fl-Amerika

Il-prattika tal-mediċina ħadet xejra differenti fl-Amerika fejn l-importanza tat-tabib tal-familja bdiet tonqos. Minħabba skemi ta' assigurazzjoni fuq is-saħħa, fil-prattika tal-mediċina fl-Amerika f'dawn l-aħħar 50 sena, in-numru ta' tobba tal-familja naqas u n-numru ta' speċjalisti żdied. Hekk fis-sena 2000 wieħed biss minn kull għaxar tobba kien tabib tal-familja, l-oħrajn kienu speċjalisti! Fl-Ingilterra t-tabib tal-familja baqa' jagħti sehem importanti u fis-sena 2000 mit-tobba kollha li kienu reġistrati fl-Ingilterra, terz minnhom kienu tobba tal-familja.

Matul is-seklu 20 ir-rwol tat-tabib inbidel u anke nbiddlu l-aspettattivi tal-pazjent. Bl-avanzi fil-mediċina l-bniedem beda jgħix iktar fit-tul. Riżultat ta' hekk beda jimrad iktar b'mard kroniku u mard assoċjat mal-età avanzata. Dan wassal biex il-bniedem sar iktar eżiġenti u beda jistenna iktar sodisfazzjon u livell ogħli ta' kura mingħand it-tabib. Ċerti affarijiet żgħar li qabel ma konniex nagħtu kashom, illum bdew idejquna u nixtiequ xi ħaġa għalihom. Dan huwa l-bniedem il-modern, qatt mhu kuntent. Konsegwenza ta' hekk u ta' dawn l-aspettattivi, ir-rispett reċiproku ta' bejn it-tabib u l-pazjent beda jonqos. Illum ħafna jippretendu l-mirakli għax iħallsu l-flus tajba. Iżda fil-ħajja mhux kollox huwa possibbli u kollox għandu l-limitazzjonijiet tiegħu, anke l-fejqan mill-mard.

Illum il-mediċina, speċjalment fl-Amerika, hija pprattikata differenti minn qabel. Illum il-prattika tat-tabib hija msaħħa bil-qawwa tal-magni u t-testijiet, u t-tabib għandu għad-dispożizzjoni tiegħu numru kbir ta' terapiji u mediċini tajbin u għalhekk ma joqgħodx lura biex lil dak li jkun jordnalu l-aħjar u l-aqwa minkejja il-prezz! Din hija l-mentalità ta' mediċina difensiva fejn it-tabib

qed jibża' li jkun mħarrek għal xi danni mill-pazjent jekk dan ma jkunx sodisfatt.

Fil-bidu tas-seklu 21 il-*media* qed tilgħab parti importanti fil-qasam tal-mediċina u l-pubbliku qed ikun iktar konxju minn ċertu mard. Każ tipiku fejn il-*media* immanipulat u influwenzat lill-pubbliku kien dan l-aħħar dwar l-*Influwenza tat-Tjur.* Il-pubbliku beda jaqra dwar din il-marda u allarma ruħu. Illum il-*media* għandha influwenza kbira fuq il-pubbliku. Din jista' jkollha effett posittiv, imma xi drabi jista' jkollha effett negattiv ukoll. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-każ tat-tabib ingliż tal-familja **Harold Shipman**. Dan qatel mijiet ta' pazjenti li l-maġġoranza tagħhom kienu nisa anzjani blex ikun jista' jirithom. Wara li kien għadda ġuri u ntbagħat il-ħabs għal għomru huwa qatel lilu nnifsu fiċ-ċella tal-ħabs ta' Wakefield fit-13 ta' Jannar, 2004. Din il-ġrajja mxandra b'mod sensazzjonali mill-*media* setgħet dgħajfet il-fiduċja tal-pubbliku lejn it-tabib tal-familja.

## Iċ-Ċarlatani tas-Seklu 18 u l-qerq

Minkejja li t-tobba, b'mod ġenerali, minn dejjem qdew id-doveri tagħhom b'onestà u integrità, minn żmien għal żmien kien jitfaċċa xi ħadd li bi kliemu u b'għemilu juri għerf jew ħila li m'għandux.



Dawn kienu jgħidulhom ċarlatani u fl-Ingilterra kienu jissejħu *kweykers*. Is-seklu 18 kien il-perjodu tad-deheb għal dawn il-kwejkers. Minnhom kien hemm eluf li kienu jidħku b'kull min kien jmur għandhom. L-iktar wieħed gwapp minn dawn kien **Scot James Graham** (1745 – 94) li bil-metodi tiegħu ta' dlik bit-tajn u ta' sodda speċjali kien jirriklama ħajja itwal u sesswalità infinita. Dan kollu kien isir mit-*Tempju tas-Saħħa* li kien waqqaf fl-iStrand ta' Londra. Kwejkers oħrajn kienu jidħku bil-pazjenti billi joffrulhom mediċini u dlik li huma biss kienu jafu x'fih! Fost dawn kien hemm uffiċċjal tal-Armata Franċiża, **Nicholas Husson** li kull tabib ta' veru kien jibża' minnu. Rimedji oħrajn tal-mirakli kienu l-*"Pilloli Veġitali"* ta' **James Morison** u l-mistura ta' *"Lydia"* u *"Lily"* fl-Amerika. **Lydia Pickham** saret l-ewwel miljunarja mara minn fuq dawn il-mediċini li ma kellhom l-ebda effett mediku. Minkejja li l-awtoritajiet tas-saħħa pprovaw iwaqqfuha, din iktar saret popolari!

Mbagħad kien hemm il-famużi riċetti li jfejquk minn kull tip ta' mard. Fost dawn kont issib il-*"Balzmu ta' Roża"* li taparsi kien ifejjaq il-marda ta' *sifilide* f'ħakka ta' għajn malli tindilek bih. Dan il-balzmu kien ifejjaq ukoll kwalunkwe uġigħ! Ħafna minn dawn iċ-ċarlatani kienu jarmaw fis-suq f'xi belt fejn ħadd ma jkun jafhom u wara ħafna kliem sabiħ u ġesti jipperswadu lil kulħadd li l-'mediċina' tagħhom hija tal-mirakli. Meta jbigħu kulma jkollhom jisparixxu! Oħrajn irnexxielhom jistabbillixxu isem u reputazzjoni li biha saru sinjuri u anke kienu l-favoriti tar-rejiet. L-aqwa wieħed fost dawn kien **Joshua Ward** (1685 - 1761). B'xorti ħażina dawn it-tip ta' nies għadhom jeżistu sallum u anke llum għadek issib prodotti fis-suq li taħseb li huma tal-mirakli. Kos hux, id-dinja tinbidel imma l-bniedem jibqa' l-istess!

## Movimenti Oħrajn u l-Mediċina Alternattiva

Wieħed mill-iktar movimenti li mar kontra l-andament tal-mediċina kontemporanja kien il-metodu omeopatiku ta' kura li beda **Samuel Hahnemann** (1755 – 1833). Dan kien tabib Ġermaniż li tħarreġ fil-mediċina f'Leipzig, Vienna u Erlangen. B'danakollu huwa beda jemmen li l-qofol ta' kull fejqan jinsab fin-natura. Għalhekk huwa ċaħad l-użu ta' mediċini u kimika oħra u beda jiżviluppa l-*metodu omeopatiku* jew il-metodu naturali. Skond Hahnemann hemm żewġ metodi ta' fejqan: il-metodu *ortodoss* jew normali u l-metodu tiegħu *alternattiv.* Huwa kellu l-idea li l-metodu ortodoss huwa żbaljat u li l-qofol tal-metodu kien li biex tfejjaq il-mard, trid issib sustanzi li jistimulaw lill-ġisem biex jikkoreġi huwa stess l-affarijiet ħżiena li jkun hemm. Dan kien l-ewwel prinċipju tal-metodu omeopatiku: *similia similibus curantur.* It-tieni prinċipju kien li iktar ma' tkun żgħira d-doża iktar tkun effettiva s-sustanza. Hahnemann kien jemmen li jekk tuża sustanzi puri m'hemmx bżonn ta' kwantitajiet kbar minnhom. Biż-żmien il-terapija omeopatika mibdija minn Hahnemann kienet żviluppata aktar u saret popolari

*(jissokta)*

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# L-Irħula Għawdxin

**Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard**
**Ritratti ta' Joseph P. Zammit**





## 7. In-Nadur

*Maltin t'Għawdex ġew imsejħa*
*tul is-snin in-Nadurin,*
*nies ħawtiela b'moħħ jilħqilhom*
*għalkemm mgħawweġ, djalett fin.*

*Fuq il-għolja tgħasses bikri –*
*Għawdex, Malta; kullimkien*
*ħarstek timraħ fuqanija*
*qisek ajkla nilmħek jien.*

*L-akbar tnejn fost ix-xandara*
*li ta' Kristu xerrdu d-din,*
*qima lilhom trodd bil-ħrara*
*ġieħ u ġmiel tan-Nadurin.*

*Tempju glorja waħdu jlissen*
*tan-Nadur kollha l-ġrajjiet;*
*it-tħabrik tal-poplu, il-ħidma*
*u ta' l-arti x-xogħolijiet.*

*Mifrux sew min-naħa s'oħra*
*Daħlet Qorrot, ħdejn San Blas,*
*ta' Kennuna, inkella r-Ramla*
*raħal sbejjaħ, agħti każ!*

*Lejn il-Ivant tal-gżira Għawdxija*
*int issaltan bħal sinjur,*
*lilek l-ewwel illi jsellem*
*kull min 'l Għawdex jiġi jżur.*









# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit



Il-koppla famuża tan-Nadur tiddomina fuq ir-raħal



Ir-raba' għammieli fil-kampanja tan-Nadur

# Papa ĠWANNI PAWLU II

www.popejohnpaul2monument.com

KUMITAT MONUMENT PAPA ĠWANNI PAWLU II

*Xogħol tal-monument: Kav. Alfred Camilleri Cauchi*



*Monument Nazzjonali f'Għawdex f'ġieħ il-Papa l-Kbir*

## Kampanja ta' Ġbir

Agħti d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-banek lokali

| APS bank | BOV | LOMBARD BANK | HSBC |
|---|---|---|---|
| 200 002 879 26 | 400 142 314 85 | 014 406 417 05 | 071-148 738-001 |